# ORESTE CALLEJA

## ix-xeneġġjaturi

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

# 3SILTIET

IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

U L-ANĠLU ĦABBAR

GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

# ORESTE CALLEJA

## IX-XENEĠĠJATURI

# ORESTE CALLEJA

## IX-XENEĠĠJATURI

# 3 SILTIET

minn

**IL-BELLIEGĦA FIL-BIR**
**U L-ANĠLU ĦABBAR**
**GĦASFUR TAĊ-ĊOMB**

**PUBBLIKAZZJONI**
**www.orestecalleja.com**

3 SILTIET ©2015 Oreste Calleja
ISBN : 978 99957 884 1 4
L-Ewwel Edizzjoni

Edizzjonijiet diġitali
**EPUB, MOBI, PDF, AMAZON KINDLE, IBOOKS**
huma disponibbli mis-sit tal-internet tal-awtur.

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com
webmaster@orestecalleja.com

*Il-produzzjoni tal-ktieb u*
*d-disinn tal-qoxra: O. Calleja.*
*Ritratti tal-faċċata:*
*Larry Calleja/MTV.*

*Id-drittijieti kollha miżmuma mill-awtur.*
*Permess bil-quddiem biex dawn id-drammi jinħadmu*
*jew jittellgħu għall-palk, għat-televiżjoni jew għar-radju,*
*jew għal għamliet oħra ta' xandir jew ta' distribuzzjoni*
*għandu jinkiseb mingħand l-awtur.*

Għal
KIRSTEN
u
KARLA

# IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*L-Ewwel Parti*

*Silta*

**PERSUNAĠĠI**

**ALISTAIR**
*żagħżugħ ta' xi 25 sena*

**MICHAEL**
*ħuh - ta' mparu*

**IX-XIĦ**
*missierhom, oriġini raħlin*

**RIENI**
*tfajla, riesqa lejn it-tletin*

*IL-POST*

*VILLA - RAZZETT RESTAWRAT stil ultra modem: ċeramika, irħam, bibien tal-panew, xambrelli mal-arkati, brazzi u dwal mill-ifjen, twapet, eċċ. Hemm ukoll għelm mill-imgħoddi: rota kbira taʼ karettun miżbugħa lewn denb il-baqra, kif ukoll moħriet nadif u jleqq qisu ġdid, it-tnejn imdendlin għall-wiri mal-ħitan. Xi ġarar tal-fuħħar u għadd taʼ pjanti jżejnu l-irkejjen, pjanti kbar imma tal-plastik.*

*IL-KĊINA tal-kawba, fuglar tal-granit bʼsink taċ-ċeramika u forn. Sett taʼ armarji fl-art jaqsam il-kċina mis-salott, iservi wkoll taʼ bank bʼżewġ banketti għoljin miegħu. Qrib tal-kċina, mejda żgħira tal-ikel imdawra bʼsiġġijiet.*

*Daħla taħt arkata kbira li tintuża bħala SALOTT żgħir: sett għamara tal-qasab abjad, xi żewġ siġġijiet, mejda baxxa u sufan, tavolina bʼtelefown u lampa fuqha - ħdejhom vidjorikorder taħt televixin. Ħdejn it-televixin, vetrina bil-kotba.*

*Fil-fond, bieb jagħti għal BITĦA żgħira - fuq il-lemin taraġ nieżel għal KANTINA.*

*ARKATA tagħti għall-kurutur li jwassal għall-bieb taʼ barra, lil hinn minnha taraġ u l-bqija tad-dar.*

*IŻ-ŻMIEN: Illum.*

**FIL-BIDU:**

*DLAM ĊAPPA GĦAL XI WAQTIET.*

*BIDU TAS-SAJF – ĦSEJJES TA' MATUL IL-ĠURNATA:*

*KELB JINBAĦ,*

*IWRIEŻAQ IŻARŻRU.*

*XI QTAR TAL-ILMA: ILMA LI QED IQATTAR FIL-FOND TA' ĠIEBJA KBIRA - EKU LI JAGĦTI SENS TA' GĦELUQ.*

*Jogħla bil-mod il-mod:*

*LEĦEN IX-XIĦ*

*xi ftit xurban, jgħanni - jew aħjar, l-ewwel jiħħammja, imbagħad jgħanni:*
*(fuq in-noti ta' "Hava Nagila")*

"Rekje materna - Rekje materna,
Rekje materna... ej, ej ej!"
*eċċ.*

*F'daqqa waħda:*

*IL-ĦOSS TA' DAQQIET TA' BAQQUN - INJAM QED JIĊĊARRAT U JINQALA' MINN MAL-ĦERŻA.*

**1. BARRA. IL-ĠIEBJA. FIL-KAMPANJA - BINHAR.**

*Il-FETĦA TAL-ĠIEBJA minn ġewwa hekk kif* IX-XIĦ *jibda jaqla' l-injam tal-ħerża li kienet ilha moħbija taħtu.*

*Trab u ċaċċis nieżel 'l isfel.*

*ĊAFĊIF TA' XI ĠEBEL JAQA' FL-ILMA FIL-QIEGĦ TAL-ĠIEBJA.*

*Sa fl-aħħar tinkixef IL-FETĦA KOLLHA TAL-BIR - sema iżraq taħt xemx tisreġ - IS-SILWETT TAX-XIĦ iserrep minn naħa għal oħra hekk kif jaqla' t-twavel, waqt li:*

**TITOLI:**

Il-BELLIEGĦA FIL-BIR
eċċ.

**2. BARRA. IL-ĠIEBJA MIFTUĦA - BINHAR.**

*Dritt minn fuq: dehra tal-ġiebja miftuħa. Baqqun fuq it-twavel imkissrin.*

*Wirdien u insetti oħrajn iserrpu mal-ġenb tal-ħerża.*

IX-XIĦ *wieqaf f'xifer il-ġibja, iħares sodisfatt lejn xogħlu.*

*Jerfa' għal fuq spallejh barżakka li ġab miegħu, jarmi sigarru maħruq minn ħalqu qalb il-ġarġir, jagħti daqqa ta' sieq lil flixkun inbid nofsu vojt u jgerrbu 'l isfel għal ġol-ġiebja.*

**3. BARRA. IL-LUKANDA ABBANDUNATA FIL-KAMPANJA - BINHAR.**

*Lukanda ilha żmien abbandunta, bejta miżera għall-imtarfin u l-mitlufin li jazzardaw ifittxu kenn fiha f'xi maltempata.*

*ŻARŻIR ITARRAX TAL-IWRIEŻAQ.*

IX-XIĦ*, il-barżakka fuq dahru u sigarru ieħor f"ħalqu, jersaq lejn il-bini; iwarrab il-bieb maqlugħ miċ-ċaċċis li qed jgħatti d-daħla u jidħol.*

**4. ĠEWWA. IL-LUKANDA ABBANDUNATA.**

IX-XIĦ *wieqaf f'tarf taraġ li ilu żmien li neża' kull poġġaman.*

**IX-XIĦ**

Jiena hawn, Rożż!

IX-XIĦ *jibda tiela' t-taraġ mimli ħmieġ u terrapien. Dehra mill-għoli ta' xi erba' sulari tax-*XIĦ *tiela' t-taraġ b'kawtela.*

**5. BARRA. FUQ IL-BEJT TAL-LUKANDA. BINHAR.**

IX-XIĦ *bilwieqfa mdawwar b'sema kaħlani - jinsab fuq xifer it-turretta tal-bejt.*

*Il-kampanja mifruxa taħtu – irħula, bini ġdid, toroq u xi ftit għelieqi. Il-baħar ukoll, imma 'l bogħod, wara l-fwar imewweġ tas-sħana.*

*Kważi eżatt taħtu, il-bokka tal-ġiebja miftuħa.*

*XEMX TIŻREĠ.*

*SULFARINA tinxtegħel, donnha maħruqa mix-xemx* - IX-XIĦ *iressaqha lejn sigarru f'ħalqu.*

*Jarmi s-sulfarina lejn gozz ħaxix ħażin f'rokna li dlonk jikbes fjamma waħda u jinħaraq f'leħħa ta' mument.*

*MONTAGE:*

*1.* IX-XIĦ viċin, *bilqiegħda fit-tarf tat-turretta, iserraħ dahru ma' tankijiet tal-ilma msadda, flixkun inbid u l-barżakka maġenbu.*

*Xi sulfarini maħruqa u l-fadiljiet suwed ta' xi nirien oħra żgħar ħdejn l-ewwel ħaxix ħażin maħruq.*

*2. L-istess: dehra minn ftit aktar 'il bogħod - imma aktar tard.*

*3. L-istess: aktar tard u ftit aktar 'il bogħod: xi koppla u erjals tat-televixin fil-viċin, xi satelliti fuq bjut. Minn xi mkien qrib*

*it-turretta serbut duħħan tiela' kajman.*

*IL-ĦSEJJES IMĦALLTA TA' PROGRAMMI TAR-RADJU U T-TELEVIXIN: MUŻIKA, RIKLAMI, AĦBARIJIET BIL-MALTI, TALJAN, INGLIŻ, EĊĊ.*

*Bil-mod il-mod is-sema jiħmar - jiddallam - sa ma jibqa' biss is-silwett tax-*XIĦ *u t-turretta.*

*...U l-erjals - sensiela ta' xbihat differenti ta' kull tip ta' erjal: żgħir, kbir, antenni tar-radju, tat-televixin, satelliti, eċċ.*

**6. ĠEWWA. IR-RAZZETT - TARD FILGĦAXIJA.**

*RAZZETT RESTAWRAT stil villa ultra moderna: ċeramika, irħam, bibien tal-panew, xambrelli mal-arkati, brazzi u dwal mill-ifjen, twapet, eċċ. (Ara d-deskrizzjoni aktar dettaljata fil-bidu)*

*Xena mudlama - bozza baxxa mixgħula fil-kurutur, xi ftit dawl minn barra jirrifletti minn ġot-twieqi.*

*SFOND MUŻIKALI:*

*KANZUNETTA ĠEJJA MINN FUQ IR-RADJU - "IRENE GOODNIGHT" (ARRANĠAMENT MODERN, SEDUTTIV) - LEĦEN RIENI MINN FUQ IR-RADJU, HEKK KIF...*

*PANORAMA: Dawra mal-kamra - il-moħriet u r-rota ta' karettun: id-dekorazzjonijiet mal-ħitan, il-pjanti tal-plastik, il-kċina, xi tazza jew platt bi fdal ta' pizza, flixkun jew tnejn birra, vojta. Ilma jqattar minn vit.*

ALISTAIR *jinsab bilqiegħda fuq is-sufan, imkebbeb ġo xalla kbira u kkulurita, b'saqajh imgeddsa taħtu u rasu mgħaddsa - ma jitħarrikx. Riesaq lejn it-tletin sena, irqajjaq, xagħru iswed tuta, innukklat u qasir. Ħdejn saqajh, radju pjuttost goff u bi*

*spikers kbar. Flixkun birra f'ħogru, nofsu vojt. Sadanittant:*

**RIENI**

*(O.S. - filter: ir-radju)*

...Mużika għal matul il-lejl - għalikom ilkoll li l-irqad mhux faċli. Għalikom ilkoll li teħtieġu l-wens. Intom li intom weħedkom, tistennew biss is-satra tal-lejl - il-lejl li forsi jnessi. Intom li ppersegwitati mill-mostri tal-imgħoddi - intom li tibżgħu mill-baħħ jew l-uġigħ ta' għada.

Intom li beżżgħukom bil-babaw - li għadkom tibżgħu mill-belliegħa fil-bir ta' nannitkom. Intom - intom li qatt ma sibtu lejl wieħed ta' faraġ, ta' sliem u serħan ma' ruħ tewmija li taf twennes u tħobb - għalikom inkun hawn jien.

Għalikom dal-programm tiegħi - Irene - il-ħabiba ta' ħadd għax ta' kulħadd - Irene li taf tħobb lil kulħadd għax l-imħabba għal persuna waħda hi xħiħa wisq. Jew għax forsi bħalkom għadha tfittex l-imħabba vera - forsi xi mħabba li ntilfet għal dejjem... Għalikom hawn jien għal matul il-lejl twil twil...

## 7. BARRA. FUQ IT-TURRETTA - BILLEJL.

*Il–barżakka maġenb* IX-XIĦ*, bosta biċċiet ta' sigarri, il-flixkun inbid, u radju żgħir.*

**RIENI (O.S.)**

...U jekk tkun tixtieq iċċempel lil Irene, jien nerġa' nistenniek - nerga' nkun magħkom hawn, imxaħxħa fuq il-pultruna tiegħi, il-mikrofonu bejn idejja nistenna l-wens tat-tmellis tal-vuċi tagħkom - nistennieh daqskemm intom

tistennew tiegħi.

**8. BARRA. SQAQ MUDLAM F'TARF IR-RAĦAL - FILGĦAXIJA.**

*Tieqaf fil-kantuniera karozza b'xi tlieta min-nies fiha - pjuttost karrakka li kienet ġejja ċaqlem ċaqlem.*

*Daħq u għajjat minn ġewwa hekk kif* MICHAEL *jaqa' aktar milli joħroġ minn bieba ta' wara tal-karozza.*

*Qabeż it-tletin sena - qasir u kemxejn qawwi, jipprova jilbes ta' żagħżugħ. Xagħru qed jiħfief, u jpatti billi jħallih jitwal fuq wara u jiġbdu f'toppu.*

*Il-karozza tibqa' sejra u* MICHAEL *jimxi nofsu xurban tul l-isqaq waqt li:*

**RIENI (O.S.)**

...Tkellmu miegħi, tibżgħux. Jien qiegħda hawn għalikom. Irene - leħen mill-imgħoddi - jew leħen li tista' tiltaqa' miegħu għada - qiegħda hawn... U nkun hawn magħkom għada wkoll - tul il-ġimgħa kollha - sa ma naslu fi tmiem il-vjaġġ tagħna u nħallikom weħedkom għal ftit, il-Ħdud u s-Sibtijiet - weħedkom.

**9. ĠEWWA. IR-RAZZETT.**

MICHAEL*, għajnejn miftuħa fin-nofs dalma, ma jitħarrikx, it-televixin quddiemu, mitfi.*

**RIENI (O.S.)**

...Jew forsi jalla mhux weħedkom. Forsi dak ix-xi ħadd li lkoll tistennew - dak ix-xi ħadd li lkoll tfittxu, issibuh dal-weekend. Goodnight,

maħbubin tiegħi - Goodnight, sa lejl twil ieħor flimkien - sa forsi meta ma jkollkomx bżonni aktar. Goodnight.

*TISPIĊĊA "GOODNIGHT IRENE" U FTIT SEKONDI WARA JIBDEW L-EWWEL NOTI TAL-INNU MALTI.*

ALISTAIR *iħarrek kemm kemm idu u jitfi r-radju. Imma jibqa' fejn hu.*

*Il-bieb ta' barra jinfetaħ u jidħol* MICHAEL *inkiss inkiss.*

*Xorob u mhu xejn sod fuq saqajh. Jipprova jagħlaq il-bieb warajh bil-mod u bla storbju.*

*Imur dritt lejn il-kċina biex jiftaħ il-friġġ.*

ALISTAIR *jerġa' jitħarrek fuq il-pultruna u* MICHAEL *jisimgħu.*

**MICHAEL**

*(jieqaf - iħares madwaru - ma jafx x'sema')*

Ma?

*Ebda tweġiba.*

MICHAEL *jiftaħ il-friġġ.*

*Id-dawl tagħha jtaffi xi ftit id-dalma tal-kamra.* MICHAEL *iqalleb sakemm sa fl-aħħar isib birra. Idur u jiftaħ kexxun biex ifittex l-'opener'.*

*Il-kexxun jeħel u* MICHAEL *jagħtih ġibda sew, hekk li jinfetaħ f'daqqa u* MICHAEL *jispiċċa fl-art bil-kexxun b'kollox.*

**MICHAEL**

Ħaqq il-qaħbeċ!...

*Jieqaf. Jissemma'.*

*Meta jidhirlu li ħadd ma semgħu, iqum u jkompli jfittex.* ALISTAIR *jiċċaqlaq kemm kemm u jixgħel il-lampa tat-tavolina ħdejh.*

**MICHAEL**

Xi x-xjafek!... Alistair!

*(aktar bil-mod)*

Xi l-mniegħel qed tagħmel hemm?

**ALISTAIR**

Nistenna lilek - naturalment.

**MICHAEL**

*(isikktu)*

Xxx! M'għandix aptit xenati llejla.

**ALISTAIR**

Tibżax. M'hawn ħadd.

**MICHAEL**

Ħadd? Xiex? Kif ħadd? Tgħidlix li ħarġet dal-ħin.

**ALISTAIR**

Le. Mhux ħarġet - ħarġu. Telqu. *Vamoos!*

**MICHAEL**

*(sab l-'opener' - jiftaħ il-flixkun)*

Telqu? X'int tgħid? X'jiġifieri telqu? Pawlinu u x-Xiħa? It-tnejn?

**ALISTAIR**

It-tnejn.

**MICHAEL**

Ix-Xiħa wkoll?

**ALISTAIR**

Qed ngħidlek. Telqu. U ma li naħsibx ġejjin lura.

**MICHAEL**

*(jixrob - dlonk jobżoq li xorob)*

Shandy! Iva allura qas birra sura ta' nies ma ħallejt?

**ALISTAIR**

Għalija xtrajtha - mhux għalik. Smajt x'għidtlek? Telqu. M'hawn ħadd aktar.

**MICHAEL**

Telqu fejn? Kif?

**ALISTAIR**

Ma nafx.

**MICHAEL**

X'jiġifieri ma tafx?

**ALISTAIR**

Qed ngħidlek! Dħalt ilbieraħ fil-ħdax u nofs, xi dal-ħin, u sibt din...

*Jinħall mix-xall - jaqgħu fl-art xi fliexken vojta tal-birra. Iqalleb fi ħwejġu sa ma fl-aħħar joħroġ biċċa karta mgħaffġa minn ħżiemu.*

**ALISTAIR**

Kienet fil-friġġ, fuq il-birra. Aqra. Kienet taf li hemm l-ewwel ma mmorru malli nidħlu.

**MICHAEL**

*(jersaq - jagħti bis-sieq lill-fliexken vojta fl-art}*

Ma żammejtx lura int lanqas.

**ALISTAIR**

*(itih il-karta)*

Ħallejtlek waħda le? Kont naf li jkollok bżonnha.

**MICHAEL**

*(iressaq il-karta lejn id-dawl)*

Għaliex?... Hawn ma nistax naqra saħta! Tiżliġ biss!

**ALISTAIR**

Il-birra. Daqsek kont f'sikkti meta dħalt.

**MICHAEL**

Ma nista' naqra xejn!

*Imur jixgħel id-dawl tan-nofs tal-kamra.*

**MICHAEL**

*(jipprova jaqra)*

"Lil Alistair u..."

**ALISTAIR**

"...u Michael." Jista' jonqos.

*Jersaq ħdejh biex jgħinu jaqraha.*

**MICHAEL**

"Lil Alistair u Michael. Meta tidħlu dal-lejl, jew... *(ma jistax jaqra)* ...forsi għada, meta jogħġobkom tidħlu..."

**ALISTAIR**

"...għada filgħodu, m'intomx sejrin issibuni..."

**MICHAEL**

Issibuna! "...issibuna aktar hawn." Xi x-xjafek! Hawn ħlief tiżliġ m'hawnx! Imma int qrajtha sew ilbieraħ jew le, għidli? Taf x'kien fiha?

**ALISTAIR**

Qrajtha kieku. Kont imlaħlaħ, għidtlek...

**MICHAEl**

*(ixammem)*

Eh - u x'kont qed tpejjep?...

**ALISTAIR**

Xejn.

**MICHAEL**

Xi ħadd kien qed ipejjep... Iva qas biss tiftakar xi qrajt tal-anqas?

**ALISTAIR**

*(jgħolli spallejh)*

Qalu li telqu, jew xi ħaġa hekk - telqu u se jħallu kollox f'idejna.

**MICHAEL**

X'jiġifieri - kollox f'idejna?

**ALISTAIR**

Ma nafx. Però, telqu għal kollox ikolli ngħid. Ħadu l-vann - bil-fided u l-ħwejjeġ b'kollox. Il-brifkejs ta' Pawlinu u t-tajprajter ukoll. U l-basket l-iswed, il-kbir, tagħha mhux hawn lanqas.

**MICHAEL**

Ukoll. Fittixt sew milli jidher. U x'ħadu iżjed?

*Jieqaf. Tiġih idea.*

*Jersaq lejn il-kċina u jiftaħ kabord imdendel fil-għoli.*

*Jieħu u jiftaħ vażett vojt tal-kafè. Ma jsib xejn.*

**ALISTAIR**

Hemm l-ewwel li fittixt jien ukoll. Ħadu kull sold li kien hemm.

MICHAEL *jiġbed waħda u jdur lejn kexxun fil-kabords t'isfel, imma bilkemm jilħaq jiftħu...*

**ALISTAIR**

...Xejn hemm lanqas. Ibqa' fuq kliemi!

**MICHAEL**

*(bla ma jdur ikompli jiftħu aktar bil-mod; suspettuż)*

Int... fittixt sew imma?

**ALISTAIR**

Sew ingħid! Iva fittixt, u l-envelop t'hemm wara vojt ukoll.

MICHAEL *jiġbed il-kexxun kollu 'l barra u jdawru.*

*Imwaħħal bit-tejp mal-ġenb ta' wara hemm envelop imdaqqas, qadim u musfar: vojt ukoll.*

**MICHAEL**

Mela kont taf bih?

**ALISTAIR**

Kont naf. Terfa' l-flus għall-kontijiet fih kienet.

**MICHAEL**

U trid tgħid li ma sibt xejn hawn int lanqas?

**ALISTAIR**

X'sibt int l-aħħar li fittixt?

**MICHAEL**

Xejn! Xi tridni nsib?

**ALISTAIR**

Jien xi ħaġa sibt.

**MICHAEL**

*(iċarrat l-envelop)*

Kemm?

**ALISTAIR**

Għoxrin lira. Kont imma, tat-telefown - l-aħħar wieħed li ħalfet li mhux se tħallas.

*(joħroġ gozz kontijiet mill-but u jpoġġihomlu fil-kexxun vojt f'idu)*

U xi tliet kontijiet oħra. Mija u xi tletin lira b'kollox. All yours!

**MICHAEL**

Kontijiet!

*(jiġbed waħda u jitlaq kollox fl-art)*

**ALISTAIR**

Xorta jridu jitħallsu.

**MICHAEL**

*(jagħti bis-sieq lis-siġġijiet u jiġbed kemm jiflaħ)*

Imma dawn Alla ġenninhom, jew? Xi l-mniegħel qed itihom? Għandi rasi se tinqasam - dan kien jonqosni!

**ALISTAIR**

Itlaʾ ħu nagħsa. Filgħodu mbagħad naraw. Issa mʾhemmx xʾtagħmel.

**MICHAEL**

Imma għaliex? Xʾħasbet li se tirbaħ bʾhekk? Xʾħasbet, għid? U fejn marru?

**MICHAEL**

*(idur ifittex l-ittra u jerġaʾ jipprova jaqraha)*

Xi x-xjafek taʾ ras ommhom kitbu hemm?

**ALISTAIR**

*(jitfi d-dawl fuq it-tavolina)*

Jien tielaʾ norqod.

**MICHAEL**

Allura dawn ilhom mill-bieraħ li telqu? U ħadd ma resaq ʾl hawn illum? Ċempel xi ħadd?

**ALISTAIR**

Bla telefown?... Insejt?

*(jersaq lejn l-indana taʾ ġewwa)*

Ġie tal-posta. Ġablek kont ieħor - tad-dawl...

**MICHAEL**

*(jiġbed waħda)*

**ALISTAIR**

Jien tielaʾ. Naraw għada issa.

**MICHAEL**

U xi trid naraw? Wara kollox, bihom u mingħajrhom... Xʾgħalażobbi jien! Imorru! Għamlu sew telqu! Tal-anqas ma jkollniex

infittxu aktar aħna fejn se mmorru noqogħdu. Daqshekk theddid! Daqshekk kisruli sormi! Hawn komdu, wara kollox. Komdu biżżejjed għalija. M'għandix bżonnhom jien.

**ALISTAIR**

*(jitfi d-dawl tan-nofs)*

Itfi d-dawl qabel titlaʼ. U agħlaq dik il-friġġ...

**MICHAEL**

*(aggressiv)*

U mur ħudu! X'għamiltilha biex telqet hi, issa, eh? Taf tgħidli?...

**ALISTAIR**

...Tinsiex id-dawl. Xi ħadd xorta jrid iħallashom dawk il-kontijiet.

MICHAEL *ifajjar daqqa bil-flixkun tal-birra u jkisser bozza f'wieħed mill-brazzi mal-ħajt.*

**MICHAEL**

Tfejtha! Kuntent issa?

*Dlam, għajr id-dawl tal-friġġ għadha miftuħa.*

**ALISTAIR**

...U agħlaq il-friġġ jekk trid tiekol għada.

*(joħroġ)*

*Pawsa.*

*Sa fl-aħħar* MICHAEL *jiċċaqlaq, jersaq lejn il-friġġ u jagħlaq il-bieba b'tisbita.*

*Għal xi waqtiet jibqaʼ wieqaf quddiemha bla ma jitħarrek fil-*

*kważi dalma sħiħa li waqgħet. Imbagħad jerġa' jiftaħ il-friġġ aktar bil-mod.*

*Jerġa' d-dawl.*

*Jinżel għarkopptejh quddiemha. Jittawwal ġewwa għal xi waqtiet.*

*Il-friġġ minn ġewwa - kompletament vojta għajr xi loqom, xi tadama mħassra, eċċ.*

MICHAEL *iteftef fost il-ftit affarijiet li hemm ġo fiha, sakemm jilmaħ flixkun ilma zahar fuq wara.*

*Jaħtfu, jifthu u jixorbu f'belgħa waħda.*

*Imbagħad bil-mod il-mod jagħlaq il-bieba.*

*Terġa' d-dalma fil-kamra.*

**MICHAEL**

*(għarkopptejh quddiem il-friġġ, mistrieħ magħha)*

Dan il-baħħ kollu, Ma... Dan il-vojt kollu issa... Kif se jiblagħni - kif se jiblagħna, Ma.

*(bil-mod il-mod jibda jirtema mal-friġġ)*

Imma tibżax, issa tara; jien mhux Alistair - jien ma nibżax mill-belliegħa, Ma. Jiena le, ma nibżax...

MICHAEL *jgħaddas rasu fuq sidru u ma jiċċaqlaqx.*

## 10. BARRA. FUQ IT-TURRETTA - BINHAR.

*Sebaħ sew.*

*Il-barżakka, is-sigarri u xi flixkun inbid taħt it-tank tal-ilma*

*fuq it-turretta.*

*Imma x-*XIĦ *mhux hemm.*

*Għadira żgħira ta' art imxarrba - kultant xi qatra ta' ilma nieżla minn ġenb imsaddad tat-tank.*

## 11. ĠEWWA. IR-RAZZETT - TARD FILGĦODU.

*L-istess xena.*

*Kollox jidher aktar imqalleb u mħarbat minn qabel: ix-xalla ta'* ALISTAIR *u xi gazzetta fl-art, il-kexxun tal-kċina wkoll, fliexken vojta tal-birra ma' kullimkien, platti maħmuġin fis-sink.*

*Ħdejn il-kċina, żewġ boroż tal-plastik biż-żibel, lesti biex jinħarġu barra.*

ALISTAIR *jinsab bilwieqfa ħdejn it-telefown, telefown iswed stil antik.*

**ALISTAIR**

...Iva, Miss, imma ma nistax inċempel barra. Għamilt lejl sħiħ nipprova naqbad... — Naf... Naf; kellkom tirranġawh ilbieraħ... — U meta jċemplu hawn il-qanpiena bilkemm tinstema' jekk ma nkunx fil-kamra! — OK, erġa' pprova. Ħa nistenniek. — OK, grazzi.

*Iniżżel it-telefown imfantas aktar minn qabel.*

*Jidħol* MICHAEL.

*Qed jilbes biex joħroġ u f'idejh għandu qmis li għadu kif għadda.*

**MICHAEL**

Xawwattha waħda nobis. X'taħseb? Tidher?

**ALISTAIR**

Iva. Imma kieku stess li kont minnek nilbes iċ-ċelesti; aktar tmur maʾ dawk iċ-chinos.

**MICHAEL**

Grazzi, Christian Dior. Ikolli bżonn parir professjonali nitlobhulek.

**ALISTAIR**

Erġajt ma ħriġtux iż-żibel! Se jnitten id-dar kollha sʾgħada issa!

*(joħroġ 'notebook' mill-but)*

U għandek ittini ħmistax-il lira, tinsiex. Tat-telefown u issa tal-laħam.

*(jikteb fuq in-'notebook'*
*u jpoġġih lura fil-but).*

**MICHAEL**

*(jilbes il-qmis)*

X'laħam? Jien ma qabbadtekx tixtri laħam.

**ALISTAIR**

Mela ma missekx kiltu!

**MICHAEL**

Fejn kont naf li għalik kien?...

**ALISTAIR:**

*(imur jittawwal fil-friġġ)*

Jekk ma xtrajtux int bilfors li tiegħi kien. U jekk ma ridtx ikel, ma missekx kilt!

**MICHAEL**

Jekk ma ridtnix niekol ma missekx xtrajt.

**ALISTAIR**

Rajtu mmarinat. Kont taf li tiegħi! Xi tridni nagħmel minn issa 'l quddiem, nagħmel katnazz fuq il-friġġ ukoll!

*(jagħlaq il-friġġ)*

**MICHAEL**

Agħmel int. Basta fuq in-nofs tiegħek biss! Fifty-fifty, tinsiex, Pajx!

MICHAEL *imur lejn it -telefown u jibda jdawwar numru waqt li* ALISTAIR *jerġa' jiftaħ il-friġġ u jħares imdejjaq ġewwa.*

*Idur hekk kif jisma' lil* MICHAEL *idawwar in-numri.*

**ALISTAIR**

Ħallih, Michael! Qed nistenniehom jerġgħu iċemplu!...

**MICHAEL**

Iċemplu wara!

*(jinduna li t-telefown mhux jaħdem)*

Dawn xi l-mniegħel qed jagħmlu! Għadu ma jaħdimx? Mela m'għedtx li ħallastu?

**ALISTAIR**

Le. *(jigdeb)* Ma ħallastux. Għaliex, kieku stess se tagħtihomli int l-għaxar liri forsi?

**MICHAEL**

Ħallastu jew ma ħallastux?

**ALISTAIR**

Meta tħallas tal-laħam ngħidlek!

MICHAEL *jaħtaf ir-riċevitur donnu jrid igarahulu hekk li l-wajer iġebbed l-apparat ta' fuq il-mejda li jispiċċa fl-art.*

**ALISTAIR**

Prosit, issa rranġajtu; huwa kien tajjeb!... Għoxrin lira l-baħar!

MICHAEL *jitlaq it-telefown u jagħmel biex joħroġ.* ALISTAIR *imur ipoġġi l-apparat f'postu.*

**MICHAEL**

Se mmur is-Supermarket. Inċempel minn hemm. Għandek xi ħaġa żgħar?

**ALISTAIR**

Għandi. Imma għalija!

**MICHAEL**

Għandek ten cents?

*(hekk kif* ALISTAIR *ikun se jagħtih daharhu, jaħtfu bil-herra minn spalltu)*

U ejja, dal-qaħba ten cents!

**ALISTAIR**

Ħa, imma tal-aħħar. Tal-aħħar, Michael!

*Pront joħroġ in-notebook biex iniżżel it-10 cents.*

MICHAEL *ixengel rasu eżasperat, joħroġ.*

*Iżda bilkemm jilħaq joħroġ li ma tinstemax il-qanpiena tat-telefown: ħoss dgħajjef li jinħanaq minnufih.*

ALISTAIR *jibda riesaq biex jerfa' r-riċevitur; jieqaf hekk kif* MICHAEL *jerġa' jittawwal mill-bieb.*

**MICHAEL**

Dak it-telefown?

**ALISTAIR**

*(b'inkejja)*

X'telefown? Jaqaw? Tgħidlix ħallasthom int l-għoxrin lira diġà, hux?

**MICHAEL**

U mur ħudu!...

*(jonfoħ u jerġa' joħroġ)*

ALISTAIR *jistenna sekonda u jmur jerfa' t-telefown.*

**ALISTAIR**

Hello - Hello... Hello! Iva! - Għadna l-istess, Miss. - Iva, imma mhux iċempel. - Le... - ...Iii ara l-oħra! Naf li ċempilt għax iċempel qisu ġurdien qed ipixxi! Ġa għedtlek l-ewwel! - Orrajt!... - Imma issa ara li jiġu, ta! Hawn m'hawn ħadd matul il-ġurnata. Ma nistax noqgħod nieħu l-liv kull darba... - Le, m'għandix il-mara min joqgħodli hawn, ħanini! Hawn m'hawnx nisa niżżu ħajr 'l Alla... - Xiex? Eh... - Iva, f'isimha kien, naf... - Le mhix il-mara dik. Min kienet mietet, la trid taf... - Le, mhux għalhekk mhux jitħallas il-kont! Ma tridx taf xi ħaġa oħra, u? Int ara biss li jiġu għada, OK? — OK, have a nice day int ukoll!

*Jirreżisti t-tentazzjoni li jsabbat it-telefown - iqiegħdu lura f'postu.*

*(et seq.)*

# U L-ANĠLU ĦABBAR

*L-EWWEL PARTI*

*SILTA*

**IL-POST**

**VILLA. BINI ĠDID.**

*IL-KAMRA TAL-GALLARIJA, l-istess bħal kmamar oħra tal-villa, hija mgħammra bi stil minimalist. Il-post għadu mhux lest għal kollox, iżda diġà hemm xi biċċtejn għamara stil orjentali: xi sufan tal-qasab, drapp iffjurit tal-ħarir, u xi tapit taħtu.*

*Poġġaman tal-kawba tiela' minn isfel - indana tagħti għal ġewwa u bieb li jagħti għal sala oħra kbira.*

*Gallarija kbira b'bieb fin-nofs u tnejn iżgħar fuq il-ġnub. Minn barra hija lesta mill-aluminju iżda l-bibien ta' ġewwa għadhom ma twaħħlux. Xi folji tat-triplaj u xi biċċtejn injam jgħattu l-fetħa tal-bieb tan-nofs.*

*Il-fetħat laterali huma mgħottija temporanjament b'żewġ bibien tal-injam oħxon - bibien pjuttost qodma u mqabra, darba ta' ċertu preġju - li nqalgħu minn xi bini jew dar antika.*

*Il-bieb tal-lemin huwa mgħotti b'żewġ fallakki kbar tal-armar, miksija żebgħa u siment. Il-bieb tax-xellug mhux mgħotti u fuqu hemm imċappsin biż-żebgħa għadd ta' graffiti fejn jispikkaw żewġ ittri kbar miżbugħa bil-blu: PN.*

*Extension wire dieħel minn barra l-gallarija u mqabbad ma' plakka elettrika ma' ħajt. Ħdejn il-plakka, tabella mdaqqsa*

*bil-kliem "King Real Estate Development Unlimited" nofshom moħbija taħt kitba "SOLD BY" fuqha.*

*Il-kamra qed tintuża bħala studju tal-pittura: f'nofsha, pittura dilettanteska kważi lesta fuq kavallett żgħir tal-ħadid: xi vażun bil-fjuri jew xi natura morta. Ħdejha "spotlight", banketta, tavolina b'xi vażetti bil-pitrolju u t-terpentina, stoċċijiet taż-żebgħa, eċċ.*

*F'rokna hemm paraventu u moħbi warajh kavallett ieħor akbar tal-injam, qadim u goff, u mejda mgħobbija b'aktar żebgħa u xi kaxxa żgħira tal-għodda.*

*Fuq il-mejda kif ukoll taħtha għadd ġmielu ta' pitturi mdaqqsin wiċċhom mal-ħajt - tili stirati fuq qafas tal-injam li jidhru biss minn wara.*

## L-EWWEL PARTI [1]

### 1. ĠEWWA. AJRUPORT. L-ARRIVALS LOUNGE - FILGĦODU.

KAREN *bilqiegħda mal-bar. Soft drink quddiemha. Ittektek b'lighter fuq pakkett sigaretti għadu ssiġillat u magħluq quddiemha.*

*WIĊĊĦA: liebsa nuċċali tax-xemx. Tħares lejn il-monitor imdendel viċin.*

*MONITOR juri l-wasla ta' titjira ġejja minn Budapest.*

KAREN, *donnha nervuża, tilgħab u tqatta' l-karta li fih imgeżwer il-pakkett sigaretti.*

*Tiftħu - tkun se toħroġ sigarett.*

### 2. BARRA. L-AJRUPORT. - FILGĦODU.

*Ajruplan tal-Lufthansa jillandja.*

### 3. ĠEWWA. L-AJRUPORT. L-ARRIVALS LOUNGE.

*IL-MONITOR: titjira minn Budapest li llandjat.*

KAREN *tqum bla għaġla, taqbad kappell abjad tax-xemx li hemm ħdejha, iddur u timxi lejn il-lift.*

*IL-PAKKETT TAS-SIGARETTI, il-lighter ħdejn is-sigarett bla mittiefes li ħalliet warajha* KAREN.

---

1 *Pawsa fid-djalogu hija indikata permezz ta'* —.

**4. BARRA. L-AJRUPORT - FILGĦODU.**

*ĦSEJJES TAL-ĠETT TA' AJRUPLAN.*

*Ajruplan qrib ħafna riesaq lejn it-terminal.*

*IR-ROTI tal-ajruplan iduru bil-mod...*

*ĦALLAT MA' ...*

**5. BARRA. IT-TRIQ BARRA L-AJRUPORT - FILGĦODU.**

*...IR-ROTI qed jibdew iduru tal-karozza lussuża ta'* ALDO, *It-tajers iwerżqu hekk kif il-karozza żżid fil-ġiri.*

*Dehra mill-għoli tal-karozza sserrep fit-triq.*

*Is-saqaf miftuħ tal-karozza.* KAREN *issuq.*

ALDO *quddiem, fuq ħoġru l-carry-on luggage, fis-seats ta' wara xi żewġ bagolli kbar oħra.*

*MUŻIKA MIR-RADJU TAL-KAROZZA:*

*QUEEN - BOHEMIAN RHAPSODY.*

*IT-TITOLI:*

**U L-ANĠLU ĦABBAR**

KAREN *issuq bla ma titkellem.*

*Ħarsitha impassiva hekk kif* ALDO *jibda jiftaħ il-basket quddiemu.*

**6. BARRA. IR-RAĦAL IMŻEJJEN GĦALL-FESTA - BINHAR.**

*Toroq fit-telqa u l-ħedla ta' sajf waranofinhar - toroq kważi*

*vojta.*

*Il-karozza għaddejja bejn pavaljuni għadhom tilgħin.*

*Naraw minn taħt ANĠLU KBIR TAL-KARTAPESTA - siluwett iswed kontra r-raġġi tax-xemx - jgħaddi żbrixx minn fuq il-karozza.*

*Imbagħad anġlu ieħor... U ieħor: l-impressjoni li d-dellijiet qed jiġru wara l-karozza maħruba.*

**7. BARRA. FIL-KAROZZA.**

*Ħoġor* ALDO. *Il-basket miftuħ - xi pakketti tas-sigaretti duty-free, eċċ.*

*Riġal ieħor f'idejn* ALDO, *négligée sewda seduttiva li għadu kemm ħareġ biex juriha lil* KAREN.

**8. BARRA.TRIQ FIR-RAĦAL - BINHAR.**

*Fuq gaffa fil-għoli* RAĠEL QED JARMA *pavaljun, isaffar tisfira sfiqa hekk kif il-karozza tgħaddi minn taħtu.*

*Wiċċ l-anġlu tal-kartapesta mill-viċin, iħares impassiv.*

*Wiċċ* KAREN - *jew aħjar in-nuċċali iswed.*

*Ix-xemx tisreġ wara wiċċ l-anġlu - raġġi jgħammxu, jirriflettu fin-nuċċali tax-xemx.*

*MONTAGE: Bħal f'leħħa ta' berqa: dehra tal-kwadru L-Anġlu Ħabbar - darba, darbtejn f'temp ta' sekonda hekk kif jaqleb minn dehra negattiva għal oħra pożittiva.*

*In-négligée issa mitluqha fuq kuxxtejn* KAREN *hekk kif taħtaf l-istikxift u tirrejżja l-magna.*

*In-nuċċali iswed ta'* KAREN, *jimla l-iskrin kollu hekk kif*

*jinstemgħu:*

*IT-TAJERS IWERŻQU TAL-KAROZZA tispidja u taħrab.*

*IT-TWERŻIQA TAT-TAJERS TITĦALLAT MA':*

*IL-ĦOSS ITARRAX TA' MAGNA TAL-INVIJAR toħnoq kważi għal kollox IL-MUŻIKA TAR-RADJU.*

**9. BARRA. QUDDIEM IL-VILLA TA' KAREN U ALDO - LEJN NOFSINHAR.**

*Daħna ta' trab itir mill-għodda f'idejn* IL-ĦADDIEM *qed jaħdem maġenb tad-dar.*

**10. BARRA. IL-VILLA MINN BARRA - LEJN NOFSINHAR.**

*Hekk kif jieqaf il-ħoss tal-invijar u jgħib xi ftit it-trab naraw il-karozza wieqfa fid-dell.*

*Il-karozza hija battala.*

IL-ĦADDIEM *minn wara jħares lejn id-dar.*

*JIEQAF IL-ĦOSS TAL-INVIJAR.*

*Minn xi mkien ħdejn* IL-ĦADDIEM *jersaq* IŻ-ŻGĦIR*: liebes xorts sa' rkopptejh, xi ftit trab f'xagħru iżda ftit li xejn tħammeġ bix-xogħol. Ikompli riesaq bil-lajma kollha lejn il-karozza.*

*VIĊIN - il-luggage boot miftuħ tal-karozza: battal għal kollox għajr xi pamphlets u tabelli b'miktub fuqhom 'HOUSE FOR SALE, KING REAL ESTATE DEV. UNLTD', "Property News" eċċ.*

**11. BARRA. IL-VILLA - BINHAR.**

*MINN ĠEWWA L-LUGGAGE BOOT TAL-KAROZZA: il-*

*bieba miftuħa 'l fuq tikxef is-sema ikħal. Fl-isfond, tarf ta' scaffolding tiela' fil-għoli mal-gallarija.*

*Jitfaċċa* Ż-ŻGĦIR *fil-fetħa tal-bieba miftuħa. Jagħlaq il-bieba bil-qajla l-qajla.*

*DLAM ĊAPPA GĦAL FTIT SEKONDI.*

*IL-ĦSEJJES TA'* ALDO *JIEĦU NIFS TWIL; IŻOMMU U JERĦIH.*

*ĦOSS TA' SPREJJATURA MINN INALATUR;* ALDO *JERĠA' JŻOMM IN-NIFS.*

*TIRREPETI RUĦHA DARBA OĦRA WAQT LI:*

**KAREN (O.S.)**

Baqgħet ma marritlekx dik it-tqaħqiħa! Min-kejja r-rebbiegħa friska ta' Moska!

## 12. ĠEWWA. IL-VILLA. IL-KAMRA TAL-GALLARIJA.

*(Deskrizzjoni tal-lokal: ara l-paġna tal-bidu )*

*FADE UP: Mid-dalma sewda ta' ħalq* ALDO *joħrog l-inalatur li għadu kemm spiċċa jisprejja bih u naraw PANORAMA qasira tal-kamra tal-gallarija waqt li* ALDO *jkompli joħroġ rigali li ġab miegħu: xi xorb, xi kalzetti, CDs u sigaretti.*

ALDO *jqaħqaħ.*

**KAREN (O.S.)**

Hemm int! Erġajt!

*PANORAMA: l-affarijiet tal-pittura fuq il-bank ħdejn* KAREN *wara l-paraventu.*

*JERĠA' STORBJU MINN BARRA.*

**ALDO**

Daż-żejt imissek tgħid!... Mhux l-arja ta' Moska.

Daż-żejt u din it-terpentina!

*Jisgħol u jerġa' joħroġ l-inalatur mill-but, jagħmlu ma' ħalqu, jagħfas u jieħu nifs qawwi 'l ġewwa.*

*Iżomm in-nifs waqt li jħares lejn il-bieb tax-xellug - dak bil-PN fuqu - imbagħad lejn il-bieb mgħotti tal-lemin.*

*Sa fl-aħħar jerħi n-nifs u jqum. Jersaq u josserva mill-qrib il-bieb tax-xellug, kultant jagħti ħarsa lejn il-bieb l-ieħor.*

*Jerġa' jersaq lura u jdur iħares lejn il-kwadru f'nofs il-kamra. Jersaq qribu u jxammem it-tila.*

*Dlonk iqaħqaħ u jinġibed lura. Iqaħqaħ aktar u jerġa' joħroġ l-inalatur mill-but.*

*L-istess rutina - jisprejja - iżomm in-nifs - jerħi n-nifs.*

*JERĠA' L-ISTORBJU MINN BARRA.*

ALDO *jdur u jisprejja wkoll xi ftit madwaru, donnu b'hekk irid itaffi wkoll l-istorbju.*

*IL-PARAVENTU.*

**KAREN**

*(tixref xi ftit minn wara l-paraventu - xi kwadru jew tnejn f'idejha)*

Eqq - Eqq - No peaking! Issa tarah tibżax!

KAREN *terġa' tistaħba wara l-paraventu, tkompli tqalleb xi wħud mill-kwadri li hemm mal-ħajt, donnha ma tistax tiddeċiedi liema se tagħżel minnhom.*

ALDO, *it-tqaħqiħa m'hemmx li tmurlu, ma jistax jitkellem. Sa fl-aħħar idur u jmur lejn il-gallarija.*

*Ħarstu terġa' tinġibed miż-żewġ bibien laterali, imma l-aktar*

*mill-graffiti fuq il-bieb tax-xellug.*

*Jerġa' jieqaf josservah għal xi ħin, idawwar ħarstu għal darba tnejn minn bieb għal ieħor.*

*Ikun se jerġa' jisprejja, meta jieqaf donnha feġġitlu xi idea. Iħares b'aktar attenzjoni lejn il-bieb tal-lemin. Jersaq lejh b'ċerta determinazzjoni.*

KAREN, *wara l-paraventu, tosservah.*

ALDO *joħroġ idu u jkun se jaqbad waħda mill-fallakki biex iwarrabha ħa jara x'hemm taħtha meta terġa' taqbdu s-sogħla u jixraq. Jitlaq il-fallakka.*

*Idur lejn il-paraventu - ifittex l-inalatur.*

**ALDO**

Allura - immissjajtni xejn?

KAREN, *iddiżappuntata, pronta daret u reġgħet inħbiet.*

ALDO *jintebaħ. Jisgħol.*

**ALDO**

Dan se nifga hawn ġew - dir-riħa taʼ żebgħa. Iftaħ xi mkien tal-anqas!

*Iħaffef lejn il-gallarija u jiftaħ tieqa.*

**13. BARRA. IL-VILLA - WARANOFSINHAR.**

IL-ĦADDIEM, *bilqiegħda għad-dell fuq ċangun,ħdejh għasfur daqs nitfa f'gaġġa ċkejkna. Ipespislu u jċekċiklu mal-wajer.*

*Iħares 'l fuq lejn il-gallarija fejn* ALDO *qed jagħlaq il-purtelli.*

IL-ĦADDIEM, *tbissima nebbiexa fuq wiċċu maħruq bix-xemx*

*u mimli trab, jgħolli seba' wieħed lejn nagħsu u jsellimlu.*

**14. ĠEWWA. IL-VILLA.**

ALDO *jqaħqaħ, idur lura 'l ġewwa mill-gallarija.*

**ALDO**

Veru ma nafx x'fettillek tajtha għaż-żejt!

KAREN *toħroġ minn wara l-paraventu b'żewġ tili f'idejha.*

**KAREN**

L-acrylics ma stajtx naqbad art bihom. Sakkart għax ma stajtx nissaporti dak l-istorbju.

**ALDO**

*(nifs qawwi fil-beraħ tat-tieqa)*

Sa fl-aħħar! Iż-żejt għamlu żmienu, Karen, ħażin għall-ambjent, u fuq kollox ħażin għas-saħħa!

**KAREN**

*(fuq kliemu)*

...ħażin għas-saħħa!

**ALDO**

*(ikompli)*

...Kont għedtlek.

KAREN *tħalli ż-żewġ tili jistrieħu mal-paraventu u tersaq lejn il-gallarija donnha trid tmur terġa' tagħlaq.*

**KAREN**

Issa se jerġgħu jnittnu kullimkien trab, issa tara.

**ALDO**

U ħalliha! ...Allura propju llum imma? Dan

l-istorbju kien jonqosni wara erbaʼ sigħat fuq l-ajruplan. U dan l-għeluq!

**KAREN**

Naf. I'm sorry. Imma taf li ilhom sena jwegħduni li jiġu! Ma ssugrajtx ngħidlu jħalliha għal darbʼoħra! X'deherlek - għoġbok kif tielaʼ?

ALDO *jfarfar it-tabella taʼ King Real Estate mit-trab.*

**ALDO**

Stajt ħallejtha barra ftit ieħor. Tal-anqas riklam għall-kumpanija.

**KAREN**

Jien mhux riklam biżżejjed?... Dak il-bir fil-patio lestewh ukoll, rajtu? Replika eżatta bħal taʼ Palazzo Verdagna. Fuq id-disinn li konna għamilna!

**ALDO**

*(iħares lejn il-gallarija)*

Niftakar. Imma din? Dan xʼġara hawn - daʼ l-aluminju - xʼpastażata għamlu!

**KAREN**

Xiex? Naf, mʼgħedtlekx... imma kelli nagħmel xi ħaġa - ridt naħdem hawn ġew u ma stajtx inħalli aktar dik il-feṫa kollha. Taf xʼsirda taqaʼ filgħaxija!

**ALDO**

Veru qed tishar - għandek bżonn dad-dawl kollu! Imma propju tal-aluminju allura!

**KAREN**

Bilfors. Taf li ridt nagħmilha tal-injam, imma qalli jdawwimni mill-anqas sitt xhur biex ilestiha. Tal-aluminju lestieha fi tliet ġimgħat.

**ALDO**

Veru miraklu! Xejn ma jwaqqfu l-progress!

**KAREN**

U iva - dejjem nistaʼ nerġaʼ nagħmilha tal-injam malli nsib ftit żmien.

**ALDO**

...U ftit flus!

KAREN, *ma tridx tismaʼ bi flus, tgħolli spallejha.*

**ALDO**

Sar tassew importanti ż-żmien għalik milli qed nara. X'għamilt f'dawn ix-xahrejn? Immissjajtni xejn?

**KAREN**

Le. Ħdimt. Ħdimt ħafna... Irrid ngħid, immissjajtek, mela ma mmissjajtekx, ismaʼ l-ieħor!

*Ittih bewsa ħafifa imma titbiegħed minnu malajr u ma ttihx ċans iżommha.*

*Tersaq deċiża lejn il-paraventu, tagħżel waħda mill-pitturi u bla ma tħallih jaraha għalissa, twarrab il-paraventu biex tikxef il-kavallett l-kbir moħbi warajh.*

**KAREN**

U ara dan! Dadà! X'jidhirlek minn dan?

**ALDO**

*(jersaq lejn il-kavallett)*

Impressjonanti. Tassew impressjonanti! Huwa int donnok veru qed teħodha bis-serjetà! Dan fejn sibtu?

KAREN *tħares anzjuża lejn il-kwadru dejjem imdawwar lejha, indeċiża jekk għandhiex turihulu.*

**KAREN**

Xtrajtu. Irkant. Kien taʾ Caruana Dingli! Russell qalli li awtentiku - żgur li awtentiku!

**ALDO**

Ukoll! Liema Caruana Dingli imma, qallek Russell? Sa fejn naf jien diġà biegħ tnejn... awtentiċi taʾ Caruana Dingli! U din - diż-żebgħa wkoll?...

*(imiss b'sebgħu xi żebgħa mċappsa mal-kavallett)*

...Din awtentika taʾ Caruana Dingli wkoll tgħid?... Ikolli ngħid li le però...

*(jerfaʾ tarf il-ġlekk li misslu mal-kavallett)*

Hemm int! Ara xʾgħamiltli kif ċappastha!

**KAREN**

*(dlonk titlaq il-kwadru fejn kien)*

Upps! Illami kif tebbajtha!

**ALDO**

Dik Armani - 800 dollaru!

**KAREN**

I'm sorry, missni wissejtek li kont qed nużah.

*Minn fuq il-bank taqbad paletta kbira mimlija żebgħa li fiha hemm imdeffsin xi żewġ pniezel u biċċa ċarruta mċappsa żebgħa - toffri l-biċċa lil* ALDO *biex jimsaħ idejh.*

**KAREN**

Għedtlek, għadni kemm lestejt kwadru. Ma lħaqtx naddaft il-pniezel, I'm sorry.

**ALDO**

*(joħroġ maktur mill-pavru u jimsaħ bih)*

Bdejna tajjeb eh! U kemm swielek, nista' naf?

**KAREN**

Xiex?...

**ALDO**

Dal-kavallett - l-awtentiku Caruana Dingli.

**KAREN**

Żgur mhux daqs l-Armani tiegħek! Ara - trid taraha jew ma tridx!

**ALDO**

Xiex? Xi tridni nara!

**KAREN**

Il-pittura! Li għadni kemm lestejt.

**ALDO**

*(ipoġġi fuq il-banketta)*

U ejja! Ilek tħammem fuqha mindu dħalna, trid u ma tridx turihieli! Qas biss għadek rajt tiġikx dik in-négligée li ġibtlek!

**KAREN**

Sekonda waħda!

KAREN *bidlet fehmitha, tieħu lura l-kwadru li kienet għażlet. Terġa' tmur tqalleb fost it-tili stivati wara l-paraventu.*

**KAREN**

Eqq! Tħarisx! No peaking now!

**ALDO**

*(jgħaddas rasu)*

O ġieżuġież!...

ALDO *jilmaħ flixkun xorb u magg taħt il-banketta.*

**ALDO**

Ma naqqastx mix-xorb milli qed nara. Tibżax - ġibtlek xi tnejn vodka wkoll - mhux sigaretti biss.

**KAREN**

Ilu ġimgħa hemm dak mingħajr ma missejtu. U m'għadnix inpejjep lanqas.

**ALDO**

Ukoll! Ix-xejn xejn.

ALDO *jferra' ftit xorb fil-magg, ilaħalħu u jarmi x-xorb ġo vażett ħdejn il-kuluri.*

**KAREN**

*(ħierġa bi kwadru -*
*l-istess wieħed li daħlet bih)*

Iva mhux hemm, Aldo! Kelli ż-żejt imħallat u lest!

**ALDO**

Eh, iż-żejt! Naf, xammejtu. L-intiena tiegħu trid tifgaha b'xi ħaġa! U int intant għaż-żejt kellek

taqa'! Kont għidtlek tant li jekk trid nurik kif tuża l-acrylics! Dawk aktar iġeniċi u fuq kollox ma jniġġsux l-arja.

**KAREN**

Naf - I'm sorry. Ħa niftaħ il-bieb l-ieħor ara...

*Tmur tiftaħ il-bieb li jagħti għal-lemin.*

**ALDO**

*(iferra' fil-magg u jixrob)*

Ma tridx tgħidli allura li int ilek ġimgħa sawm, bla ma tixrob qatra?

**KAREN**

Hekk hu imma! *Vissi d'arte! Vissi d'amore!...*

*(sa fl-aħħar deċiża, tiġbor it-tila u tpoġġiha fuq il-kavallett - fanfara)*

Tat-tarat-tatà! X'jidhirlek!

**ALDO**

*(idur)*

Ah, il-famuż kapolavur!...

ALDO *jibqa' wieqaf iħares għal ftit bla ma jitkellem - jixrob.*

*Pawsa twila.*

**KAREN**

X'jidhirlek, eh?

*Pawsa.*

**KAREN**

Eh?

**ALDO**

*(għadu ċċassat)*

Interessanti...

**KAREN**

Interessanti!

**ALDO**

U dan...

*(iqaħqaħ)*

...dan minn meta tajtha għan-nudi?

**KAREN**

Ara - ersaq, ħares!

*(iddawwar id-dawl tal-lampa biex jara aħjar)*

**ALDO**

U... nud taʾ raġel?

**KAREN**

X'taħseb?

**ALDO**

Le, veru. Tajjeb.

*(jipprova juri aktar entużjażmu)*

Tajjeb ħafna anzi! Prosit.

**KAREN**

Temmen imma li sitt xhur ilu la kont naf x'inhu żejt u wisq anqas terpentina! U din, hawn, dil-biċċa bil-*palette knife* għamiltha, indunajt?

**ALDO**

Fejn?... Ah, iva. Veru effettiva. Effettiva ħafna.

Speċjalment meta tiftakar, kif għidt int, li sa sena ilu bilkemm kont taf x'inhuma pastels...

**KAREN**

U x'pastels, pastels! Dawk, dawk bla ħajja, għal xi ħadd bla demm tajbin! Il-kulur qawwi, viskuż u jleqq, dak li veru jqanqlek... Kulur li fih qabda!

ALDO *joħroġ nuċċali mill-but.* KAREN *tosservah hekk kif. donnu bla ma jrid. jibda jifli l-pittura b'aktar reqqa. Jgħaddi subgħajh ma' wiċċ it-tila.*

**KAREN**

Veru? Hux donnu jistiednek toħroġ idek biex tmissu, donnok trid tiżgura ruħek li mhuwiex ħaj?

**ALDO**

Mmm?

ALDO *jkompli jħares b'attenzjoni akbar aktar ma jmur. Idawwar id-dawl tal-lampa minn rokna għal oħra, kultant jerġa' jmiss wiċċ it-tila bi truf subgħajh, kultant jgħolli n-nuċċali u jħares minn taħtu.*

**ALDO**

Le, tajjeb, eh. Dit-texture allura, din però donnha għandha xi gauze wire taħt.

**KAREN**

Kif indunajt?... *(malajr)* Mhix imma! Mhix gauze wire! Mhux propja. Xi ħaġ'oħra. Aqta'!

**ALDO**

X'naqta'?

**KAREN**

X'waħħalt hemm! Aqta'!

**ALDO**

*(bla ma jgħolli rasu mill-kwadru)*

Jiġifieri... waħħalt xi ħaġa però?

**KAREN**

Mela! Imma ma taqtax xiex?

**ALDO**

Fejn naf. Fl-oriġinal żgur ma kenitx hekk.

*Pawsa.*

**KAREN**

X'oriġinal?

**ALDO**

Minn fejn ikkupjajtha...

**KAREN**

Xi kkupjajt?

**ALDO**

Din. L-istampa...

**KAREN**

Xi stampa?

ALDO *sa fl-aħħar jgħolli rasu mill-kwadru u jneħħi n-nuċċali, jixtieq jemmen dak li se jipprova jgħid.*

**ALDO**

Dan il-kwadru. Tgħidlix... Stenn - ikolli ngħid xi espressjonista Ġermaniż... U dak in-nud, dak għandu wkoll xi ftit minn Blake, għalkemm ifakkarni f'xi illustrazzjoni ta' Kahlil Gibran...

KAREN *wieqfa soptu - ma titkellimx.*

**ALDO**

X'ġara?...

*Pawsa twila hekk li* ALDO *jkollu jdur iħares lejha.*

**KAREN**

*(bajda karti)*

X'illustrazzjoni! X'int tgħid? - Ġara?... Int x'ġara! X'int tgħid? Xi stampa kkupjajt? X'espressjonista Ġermaniż?

*(furjuża)*

X'int tgħid!

**ALDO**

Jien naf! Forsi mhux Ġermaniż, fejn naf x'inhu... Awstrijak?...

**KAREN**

X'int tgħid?

**ALDO**

... Schiele forsi! Int taf!

**KAREN**

...X'naf? Qed tgħid li jien ikkupjajtha din? Dak li qed tgħid?

**ALDO**

KIf? Trid tgħid li dan mhux kopja?... *(idur lejn il- kwadru)* Li dan oriġinal?

KAREN *tiftaħ ħalqha imma tieqaf. Ma tistax tiddeċiedi jekk hux qed jagħmel hekk apposta jew le.*

*Pawsa.*

ALDO *jħares fiss lejha għal ftit, imbagħad jerġa' jilbes in-nuċċali. Jersaq lejn il-kwadru, jgħolli jdejh biex donnu jipprova jerġa' jmiss fejn miss qabel. Jieqaf, donnu jeħtieġlu sforz biex jikkonċentra kif jixraq - u biex ma jkomplix jaħrab ir-realtà.*

*Jimxi lura u kważi jitfixkel fil-banketta fejn hemm bilwieqfa* KAREN.

*Bla ma jdur lejha jpoġġi fuq il-banketta, ħarstu dejjem fuq il-kwadru. Jgħaddi bosta sekondi jħares fiss lejh.*

**ALDO**

*(bla ma jħares lejha)*

U... x'suppost hu eżatt allura dan - raġel jew għasfur?...

**KAREN**

Anġlu.

**ALDO**

Ah. Anġlu. U x-xibka allura?...

**KAREN**

Maqbud fiha - xibka tal-insib abbandunata.

**ALDO**

U nqabad fiha intortament...

**KAREN**

U tħalla hemm, abbandunat, imut bil-mod il-mod, bil-ġuħ, fil-kesħa, fil-għera ta' staġun mhux tiegħu, staġun aljen...

**ALDO**

U dik nimmaġina ktibtha int ukoll...

**KAREN**

Mela min!

**ALDO**

I see. Ħloqtlu wkoll l-ambjent psikoloġiku... Il-klima patoloġika. Naturalment. Prosit. U... xi kemm domt fuqu?

**KAREN**

Fuqu?.. – Tliet sessjonijiet. Għall-ewwel, l-ewwel tnejn, bilkemm lestejt xejn. L-aħħar waħda mbagħad malli qbadt il-pniezel, il-paletta f'idejja, ma stajtx nieqaf...

**ALDO**

*(aktar aħrax issa)*

Kemm imma? Tmienja, sitt sigħat, kemm?

**KAREN**

Xi tliet sigħat. Forsi ftit aktar. Ma żammejtx ħin...

**ALDO**

Tliet sigħat.

*(iħokk moħħu - aktarx jitkellem waħdu)*

Tal-għaġeb. Tliet sigħat... forsi ftit aktar.

**KAREN**

Ma temminnix?

**ALDO**

Le! Le, nemmnek! Nemmnek.

**KAREN**

U lilek... jogħġbok?

**ALDO**

Jogħġobni? Lili?...

**KAREN**

Mela lil min?

**ALDO**

Jogħġobni, iva... Imma - aktar importanti - lilek jogħġbok?

**KAREN**

Jogħġobni?...

**ALDO**

Hekk hu. Lilek. Jogħġbok?

**KAREN**

Hemm bżonn tistaqsini!

**ALDO**

Basta għoġbok. Basta għoġob lilek...

**KAREN**

...Għidtlek! Għalija kapolavur!...

**ALDO**

...L-aqwa li għoġob lilek.

**KAREN**

...Kapolavur... Iva jogħġobni! L-aqwa xogħol tas-seklu għoxrin għalija! Aqwa minn l-aqwa Picasso! Jistgħu jaħarquha l-Guernica issa għalija! X'ċuċ hu, Gauguin! Kokoschka! X'għal għajn jew widnejn Van Gogh! Van Klee, Van Poxt!... *(tbaxxi leħinha)* Schiele! B'liema

jedd tistaqsini jogħġobnix?... Hemm bżonn tistaqsini? (bi sfida) Jogħġobni iva!...

KAREN *tersaq lejn il-kwadru u bil-ħrara kollha tagħtih bewsa*

**KAREN**

...Jogħġobni. Jogħġobni! Jogħġobni!

**ALDO**

*(bil-mod il-mod ġej f'tiegħu)*

Iva, qed nara. U ma nlumekx.

ALDO *jqum, jipprova jassumi ton biered, biered.*

**ALDO**

U... min kien il-mudell, allura?

**KAREN**

Il-mudell?

**ALDO**

Għandi nifhem li xi ħadd ippużalek... Oriġinal bħal dan!

**KAREN**

Tista' tiddubita?

**ALDO**

Le. Anżi! Mingħajr mudell żgur ma kontx tkun kapaċi tagħmel xogħol hekk... hekk...

**KAREN**

Xogħol hekk kif?

**ALDO**

Hekk... oriġinali. - Min kien?

**KAREN**

Jimporta min kien? L-aqwa min hemm fuq it-tila. Mhux min kien.

**ALDO**

Tabilħaqq. Min kien imma? Wiċċu ħallejthulu barra.

**KAREN**

*(tbissima enigmatika)*

Le - wiċċu hemm qiegħed kieku!

**ALDO**

Trid tagħmilha tal-gustuża?...

**KAREN**

I'm sorry... Ċajta privata.

**ALDO**

Ukoll... Min kien?

**KAREN**

Ma nistax ngħidlek.

**ALDO**

Ma tistax? Ma tistax għaliex?

**KAREN**

Sigriet professjonali!

**ALDO**

Tassew?

**KAREN**

Tassew. Taf int wara kollox kemm hu diffiċli ssib

mudelli tajbin biex jippużawlek nudi...

**ALDO**

Ahh! Sibt wieħed mela u trid iżżommu għalik. Prosit. Diġà se tibda tikkompeti miegħi.

**KAREN**

Nikkompeti! Miegħek! Naf li jiena tajba - imma mhux daqshekk. Minkejja kollox, żgur mhux daqshekk...

ALDO, *donnu jrid jaqtagħha hawn, idur mill-kwadru. Jersaq lejn is-sufan - jitfa' xi affarijiet lura fil-valiġġa miftuħa.*

KAREN *tosserva. Tagħraf is-sinjali.*

**ALDO**

*(iħossha tħares lejh - bla ma jdur)*

Dak int biss tista' tgħidu issa...

**KAREN**

Xiex?...

**ALDO**

...Kemm int tajba jew le.

**KAREN**

Veru? Taħseb imma li tajba daqshekk?

**ALDO**

Daqshekk? X'inhuwa "daqshekk"? Liema kejl qed tirreferi għalih? Taħseb li hawn xi kejl li jista' xi ħadd iqabbel ruħu miegħu biex tassew ikun jaf hux tajjeb "daqshekk!"... jew le!

**KAREN**

Għalija iva. Ara kieku lili xi ħadd jgħidli li jiena

tajba daqsek pereżempju...

**ALDO**

Daqsi! Qed tipprova tonfoħni issa?

**KAREN**

...Kieku - anzi - anki anqas minnek, imma qrib tiegħek, kif kont tpinġi int, għalija kieku biżżejjed.

**ALDO**

Aaa. Tal-anqas għidt "kont".

**KAREN**

Meta kont tpinġi biż-żejt irrid ngħid. Mhux għax l-acrylics tiegħek mhumiex tajbin...

**ALDO**

Grazzi.

**KAREN**

*(tibdel it-ton -*
*l-entużjażmu diġà għeb)*

M'iniex nipprova nonfħok, le. Taf daqsi l-kapaċità tiegħek int, Aldo. M'għandekx bżonn lili biex nonfħok. Anzi. Taf li mhux soltu tiegħi...

**ALDO**

*(jagħlaq il-valiġġa)*

Appuntu.

**KAREN**

Appuntu - għalhekk - jekk nitolbok tgħidli jekk xogħli... mhux jiena - jekk dax-xogħol hux tajjeb jew le - nistaqsi lilek għax inti awtorità. Għax int

artist veru...

**ALDO**

*(bla sarkażmu)*

Artist veru! Mhux aktar minnek imma.

**KAREN**

Aktar minni żgur...

**ALDO**

M'intix tismagħni, Karen... Mhux aktar minnek, le.

**KAREN**

Qed tgħid bis-serjetà?

**ALDO**

Bis-serjetà... U bl-awtorità kollha!

*(kważi b'rabja)*

U emminni u ismagħha tajjeb, għax ma nerġax nirrepetiha; f'dan l-ambjent - f'dil-belt ċkejkna ċkejkna tagħna, Karen - fil-għoli tal-arja rarifatta fejn jimirħu l-magħżulin tal-Mużi - il-mimmi t'għajnejn l-allat għajjura tal-arti - m'intix se ssib ieħor li jgħidlek sinċerament kliem bħal dan. Iva. Bis-serjetà: ix-xogħol tiegħek - tal-anqas dan ix-xogħol - huwa xogħol...

*(ifittex il-kliem, ixengel rasu, ma jafx jgħid - jew ma jridx - dak li jħoss)*

Tal-għaġeb. X'inhi l-espressjoni?... Tal-ġenn! Nixtiequ kien tiegħi! Qed tismagħni? F'dawn l-aħħar għaxar snin ma rajtx xogħol bħal dan - la ta' ħadd - u wisq anqas tiegħi. U la taż-żejt ta'

qabel - u wisq anqas l-acrylics taʾ wara. Mhux li kien kien tiegħi. - Smajtha? Awtorevoli biżżejjed hekk?

**KAREN**

Ieqaf... M'għandekx għalfejn tagħmel hekk.

**ALDO**

Le?

*(kiebi - f'daqqa waħda għajjien)*

Qed ngħid bis-serjetà, Karen. Bis-serjetà kollha.

**KAREN**

Ieqaf. Se ġġegħilni nibki. Ili ġimgħat sħaħ ma nibki... Ma rridx nerġaʾ nibda.

**ALDO**

Karen... Karen, Karen...

*Jersaq lejha. Hi tersaq lejh - imbagħad tintelaq f'dirgħajh u tbusu. Bewsa mqanqla, hekk li għal bosta sekondi ma tħallihx jinħall minn magħha.*

ALDO *jipprova jaħkimha bʾaktar qawwa u jiġbidha lejn is-sufan.*

*Jaqgħu t-tnejn fuqu imma* KAREN *dlonk diġà qed tissielet biex taħrab minn miegħu. Tqum bilwieqfa.*

**KAREN**

Le. Mhux issa, Aldo! Se nċempel lil Russell.

**ALDO**

Xi ċċempel!

**KAREN**

Lil Jackie! Nieħu l-parir tiegħu!

**ALDO**

X'parir?

**KAREN**

Hu jaf ikun aktar spassjonat, kritiku...

**ALDO**

Russell!

**KAREN**

...Ħadd aktar minnu ma jaf ikun aħdar daqsu meta jrid u jgħidlek veru dak li jħoss!

**ALDO**

Fuqiex! Fuq il-kwadru? Mela qed tiġġennen!

**KAREN**

Dak il-business tiegħu!...

**ALDO**

Business imma! Mhux arti!...

**KAREN**

Għandu gallerija, le! Għal waħda tnejn! Jekk ma jafx hu x'jiswa dan, min tridu jaf?

**ALDO**

Mela veru qed tiġġennen! Mela taħseb li għax għandu gallerija, billi jippretendiha ta' gallerista, dak jaf xi ħaġa fuq l-arti?...

**KAREN**

X'jiġifieri ma jafx! Xi ħaġa jaf!

**ALDO**

Imma kemm se jbigħha u kemm se jisloħ

commission! Dak li jaf! Ngħidlek jien kemm se jgħidlek. Mitejn lira - tliet mija tops! *(jimita)* "Mitejn - tliet mija tops! Tliet mija tops!" U dak kieku niġi miegħek jien u ngħidlu li dan xogħol tajjeb - eċċellenti! Kieku qas biss iħares lejh!

**KAREN**

X'jiġifieri ma jħarisx lejh! Għadek kemm għidtli...

**ALDO**

Ismagħni, Karen. Int xi trid taf? Kemm tista' tagħmel flus bil-kwadru?...

**KAREN**

U xi flus flus! X'jimpurtani mill-flus!

**ALDO**

*(ironiku)*

Right! Mela tgħidlu xejn lil Russell!

**KAREN**

Kulma rrid l-opinjoni tiegħu...

**ALDO**

Flus hi l-opinjoni tiegħu. Dak biss li jista' jgħidlek, isma' minni.

**KAREN**

Imma jekk ma jafx hu jikkritika xogħol bis-serjetà, min tridu jaf ?

**ALDO**

Ah, kritika! Kritika ħag'oħra. Għax m'għidtlix mill-ewwel? Kritiċi nsiblek kemm trid! U

ngħidlek jien lil min tgħid, jekk veru trid kritika tajba. Nieħdok għand Walter D'Anastasi; ħalli f 'idejja.

**KAREN**

Walter...

**ALDO**

L-aħħar wirja li għamilt għamilli biċċa xogħol kapolavur ta' kritika. Veru li issa ilu ftit imma meta trid immorru. Anzi, ngħidlu jiġi hawn, l-istudjow tiegħek. Hekk xieraq. U jien stess neħodlok ir-ritratti. Naturalment, l-ewwel irid ikollok xi ftit aktar xogħlijiet lesti jekk veru tridu jtik studju serju.

**KAREN**

Minn daqshekk, xogħlijiet għandi kieku.

**ALDO**

X'xogħlijiet?

**KAREN**

Li lestejt.

*(tersaq malajr lejn it-tili mal-ħajt)*

Kont urejtek xi wħud minnhom qabel.

**ALDO**

Qabel? Qabel dan jiġifieri?

**KAREN**

Qabel dan. Ta' qabel sefirt...

**ALDO**

Dawk kienu oriġinali wkoll?

**KAREN**

U ta' wara... Xi wħud minnhom!... Aldo! Tgħidlix li... Ma tridx tgħidli li ma kontx indunajt?

ALDO *jxengel rasu - imma ma jgħid xejn.*

**ALDO**

U ta' wara?...

**KAREN**

Xiex?

**ALDO**

Ta' wara, li lestejt. Nudi wkoll?

**KAREN**

Biex qed niskanta? Hekk jew hekk, int mhux biex tara x-xogħol tiegħi kont tiġi hawn dawk l-aħħar ġimgħat.

**ALDO**

Come on. Mhux fair tgħid hekk, Karen.

**KAREN**

Le? Għalija kont tiġi int, le - mhux għat-tpinġija tiegħi, mhux hekk? Għaliex mhux fair? Jien kont nurihomlok u int dejjem tgħidli kemm kienu tajbin u kemm qed nagħmel progress... U wara kollox, f'siegħa sagħtejn wieħed ma jistax jippretendi aktar minn hekk, mhux hekk?

**ALDO**

I'm sorry, OK?

**KAREN**

OK, għaliex le? Jien għidtlek xi ħaġa? Naturalment int assumejt li jien ma stajt nagħmel xejn oriġinali, xejn minn rajja... *(tqalleb it-tili,*

*imma issa bla ħajra )* Ma nafx eżatt liema kont diġà rajt qabel...

**ALDO**

*(jisprejja)*

Ma jimpurtax. Ejja. Ħa naraw x'għandek...

KAREN *tieqaf, għadha daharha lejh - tiddritta b'xi żewġ kwadri li għażlet marsusin ma' sidirha.*

**KAREN**

Trid tara x'għandi?...

**ALDO**

Ġib.

**KAREN**

*(iddur f'daqqa)*

Le.

**ALDO**

Le?... Le xiex?

**KAREN**

Ma rridx nurihomlok.

**ALDO**

U għaliex!

**KAREN**

Missek rajthom meta kellek iċ-ċans!

**ALDO**

Ejja, Karen. Għidtlek jiddispjaċini...

**KAREN**

Naf. Mhux għalhekk imma. Mhux biss. Ngħidlek is-sew ma nafx iniex lesta nħalli min jarahom

għalissa.

**ALDO**

U għaliex le?

**KAREN**

Ma nafx. Nibżaʾ... Le, ma nibżax... Ma nafx! Int stess għidt wara kollox: x'jimporta x'jgħid ħaddieħor? L-aqwa li għalija huma sbieħ! Imma mhux hekk, Aldo? X'taħseb int? Tieħu gost - veru kont tkun trid int min jaralek ix-xogħol tiegħek?...

**ALDO**

*(skantat - mhemmx dubju!)*

**KAREN**

...Mhux aħjar iżżommhom għalik? Jibqgħu tiegħek? Bla ma tħalli lil ħadd iċappashomlok bit-tifħir...

**ALDO**

Jew jobżoqlok fuqhom, tgħid int...

**KAREN**

Rajtx! Le! Żgur li le! Ħadd mhu se jarahom!

**ALDO**

U isa - kont qed niċċajta, Karen! Ħadd mhu se jmaqdarhomlok, niżgurak...

**KAREN**

Le!

**ALDO**

Kont qed niċċajta!

**KAREN**

Le. Ma kontx qed tiċċajta. Il-fatt hu, Aldo, int

ma tafx tiċċajta. Kont qrajtha l-kritika fuq ix-xogħlijiet tiegħek: "L-artist, ir-rappreżent ewlieni ta' ġenerazzjoni li ma tgħallmetx tiċċajta! Il-ġenerazzjoni miċħuda!"

**ALDO**

Cliché, Karen! Cliché. Il-kritiċi wkoll jgħidu l-banalitajiet kultant. Teħodhomx b'vanġelu.

**KAREN**

Minn daqshekk, tista' sserraħ moħħok.

**ALDO**

Imma xorta m'intix beħsiebek turini xejn aktar, hux hekk?

**KAREN**

Le. Mhux... għalissa.

**ALDO**

Meta mela?

**KAREN**

Irrid naħsibha ftit hekk jew hekk. Nagħżel l-aħjar fosthom...

**ALDO**

L-aħjar?

*(ħjiel ta' sarkażmu)*

Hemm daqshekk tajbin allura. eh?

**KAREN**

Jien m'għidtx li huma tajbin.

**ALDO**

Le? U xi kemm għandek mela?

**KAREN**

Pitturi? B'ta' qabel?

**ALDO**

B'kollox - b'ta' qabel, ta' wara - kemm?

**KAREN**

*(tinsisti)*

B'ta' qabel bdejt...

*(tieqaf)*

B'li kont urejtek qabel, għandi xi għaxra. Kont rajthom le?...

**ALDO**

U ta' wara - wara li bdejt b'dan, kemm?

**KAREN**

...Tort tiegħek jekk ma rajthomx.

**ALDO**

Kemm, Karen?

**KAREN**

Fejn naf kemm! Xi ħamsa, sitta oħra!

**ALDO**

U kollha bħal ...dak. Kollha tajbin - tajbin daqs dak?

**KAREN**

*(mossa bi spallejha,*
*bejn trid tgħid iva, bejn ma tafx):*

Għaliex le?

**ALDO**

U kollha ta' dak... L-istess mudell?...

**KAREN**

Iva. Kollha. U kollha nudi. U kollha ta' dak, iva. Sett sħiħ! Kollha l-istess suġġett! Serje sħiħa! U kollha jibdew bil-mod, trid iżżiegħel bihom, tmellishom bil-mod il-mod, toħroġhom minn qoxorthom, tipprova darba, darbtejn! Sakemm sa fl-aħħar straġi sħiħa fuq tila għal sagħtejn, tliet sigħat! Sakemm sa fl-aħħar teħles! U lesta: kapolavur ieħor! Guernica oħra mċarrta! Mona Lisa bi tbissima misterjuża, tbissima stupida, enigma ma tfisser xejn! Ħlief dak li jfelles moħħ ossessiv ta' raġel - raġel għajjur! - iħares lejha! Imma jien ma nurihielhomx. Lil ħadd! Lanqas lilek! Dik tiegħi! U tiegħi biss!

**ALDO**

*(sarkastiku)*

*Vissi d'arte, vissi d'amore!...*

*Pawsa – tebqa t'għajn.*

**KAREN**

Mur, Aldo.

**ALDO**

*(pawsa - ma jiċċaqlaqx - imbagħad)*

Allura m'intix se tgħidli min ippużalek?

KAREN *tqum u tmur tferra' grokk. Tixrob.*

**KAREN**

*(bla ma tħares lejh)*

Mur.

**ALDO**

Ma mmisjajtnix, hux hekk? U diġà qed tkeċċini.

*(iqum u jmur lejn il-valiġġi - idur)*

Bqajna fejn konna milli jidher. Agħar minn kif konna... Stajt ma tellajthom xejn hawn fuq dawn il-valiġġi. Stajt m'għamilt l-ebda vjaġġ! Stajt iffrankajthieli dik in-nefqa tal-anqas!

*(*KAREN *ma tweġibx)*

Stajt tal-anqas... tal-anqas iffrankajtli dak it-taraġ u għidtli qabel ma dħalt!

**KAREN**

Ma kontx naf qabel ma dħalt.

*Pawsa.*

**ALDO**

Le. Kont taf. — Ma jimpurtax. Arani sejjer.

*Jaqbad valiġġa u jwassalha sa ras it-taraġ. Imma jieqaf u jidher jitlajja, indeċiż, ma jridhiex tispiċċa hekk.*

**ALDO**

Immur, Karen. Però, jekk trid, xorta waħda nkellmu lil Walter.

**KAREN**

Tkellmu xejn. Tagħmillix pjaċiri.

**ALDO**

Jien ngħidlu. Meta tridni ngħidlu li jista' jiġi?

**KAREN**

Qatt!

**ALDO**

*(jersaq eqreb)*

Ċaw, Karen. Ċempilli.

**KAREN**

Ara ma tgħidlu xejn.

**ALDO**

Għada nerġgħu nitkellmu...

**KAREN**

Ma nitkellmu xejn! U ma rridekx tkellmu, qed tismagħni?

**ALDO**

Ok. Inċempillek mela...

**KAREN**

Mhux Ok, Aldo!

*(taħtfu mill-pavru –*
*f'idha għandha l-palette knife)*

Ma rridekx tkellmu! Ma rridekx tgħidlu kelma li hi kelma, qed tismagħni!

**ALDO**

Ok! Ok!

**KAREN**

Qed taraha din? Jekk tkellmu, jekk tgħidlu kelma li hi kelma...

*Iddur lejn il-pittura - tgħolli s-sikkina għal darba tnejn, donnha se ċċarrat it-tila.*

**KAREN**

Kelma waħda... u ma nħallix biċċa li hi

biċċa minnha! Qed tismagħni?... Wegħedni! Wegħedni li ma tkellmux.

**ALDO**

Għidtlek, Ok! Inwegħdek! Tajjeb? Inwegħdek!

*Jara li* KAREN *għadha bis-sikkina mgħollija, għadha mhix konvinta - jagħmel ta' birruħu li se jdur, imbagħad idur lura f'daqqa u jaħtafha minn wara - jissielet magħha biex jeħdilha s-sikkina minn idha.*

**ALDO**

Min kien - għid! Għidli. Min?

**KAREN**

Ħallini!

**ALDO**

MIN?

*Jissieltu għal sekonda, tnejn, imbagħad* KAREN *twerżaq waħda. Is-sikkina taqa' fl-art.*

ALDO *jitlaq lil* KAREN *- jinġibed lura, iżomm idu l-leminija u jara li hemm id-demm nieżel minnha.*

**ALDO**

Jesus Christ!

**KAREN**

Aldo!

**ALDO**

Jesus!...

**KAREN**

Ħa nara!..

**ALDO**

X'tara! Aħjar tara ssibx xi ftit antiseptic... Jesus!

**KAREN**

I'm sorry! Ħa nara...

**ALDO**

Ħalli! Xi trid tara?... Ara ssibx ftit flavin, xi garża, jew faxxa xi ħaġa!...

**KAREN**

Ok. Ejja - poġġi...

*(tressqu lejn is-sufan)*

Trid twaqqaf id-demm - ipprova agħfas il-polz. Żommu magħfus...

*Hekk kif* ALDO *jpoġġi fuq is-sufan,* KAREN *pronta twarrab it-tapit b'saqajha biex ma jqattarx demm fuqu.*

**ALDO**

Għalfejn qed twarrbu? Tibża' li se ntebbagħhulek!

**KAREN**

Le. Hekk...

**ALDO**

...Moħħok fit-tapit?

**KAREN.**

...I'm sorry!

**ALDO.**

..Mur ġib xi elastoplast jew xi ħaġa!

**KAREN**

Ok. Stenn ftit!

*(tkun se toħroġ mill-bieb tal-lemin imma terġa' ddur)*

Forsi aħjar tmur fil-kamra tal-banju mill-ewwel...

**ALDO**

*(idewwi idu bit-"tissues" li ħareġ mill-but)*

Għalfejn?

**KAREN:**

...Hemm il-medicine chest hemm ġew! U tkun tista' żżommha taħt l-ilma! Ejja!...

**ALDO**

...U biex ma noqgħodx inqattarlek demmi hawn, hux hekk! *(iqum)* Din kien jonqosni!

**KAREN**

I'm sorry!...

ALDO *jgħaddi minn ħdejn* KAREN *li tipprova tersaq lejh, ma tafx x'tagħmel biex tgħinu, iżda hu ma jagħtix kasha u jibqa' għaddej.*

**ALDO**

Ħallini! Aktar jien! Aktar jien ukoll!...

**KAREN**

*(timxi warajh)*

I'm sorry, Aldo! Ma ridtx inweġġgħek, emminni!...

*BIEB JINFETAĦ U JINSTABAT fil-kurutur.* KAREN *ħarġet passejn warajh fil-kurutur, iżda terġa' tidħol lura wara ftit sekondi.*

*Fis-sikta L-ISTORBJU MINN BARRA issa jinstema' aktar.*

**KAREN**
*(weħedha)*

I'm sorry...

*Tersaq lejn il-kavallett, titbaxxa u tiġbor is-sikkina. Tara xi taqtir tad-demm fl-art. Tieħu l-biċċa ċarruta mitluqa fuq il-kavallett u timsħu biha. Tersaq lejn is-sufan, timsaħ xi tbajja oħra ħdejh.*

**KAREN**
*(issejjaħ)*

Kollox sew, Aldo? Sibthom?

*Leħen* ALDO*, ma jinftiehemx x'inhu jgħid, jinstema' jirrispondi minn ġewwa.*

**KAREN**

Aldo! Kollox sew?...

Ebda tweġiba.KAREN *terġa' titbaxxa tixxotta xi tebgħa oħra mill-art. Tiżbarazza madwarha. Taqbad in-négligée minn fuq il-paraventu u donnha bla ħsieb, tagħmilha ma' sidirha, tara tiġihiex.*

**KAREN**

Wishful thinking, Aldo! Ħasra li f'hekk biss tara kbir...

**ALDO (O.S.)**

X'int tgħid? Għidilhom jieqfu 'l dawk hemm barra trid!

KAREN *tersaq lejn il-bagalji f'ras it-taraġ. Donnha aktar tiskonċerta ruħha meta tarahom.*

**KAREN**

Għidtlek għandek bżonn xi ħaġa? Jekk trid... jekk trid indaħħallek il-valiġġi ġewwa jien, Ok Aldo?...

*(leħinha jitbaxxa - rassenjat?)*

Jekk trid tibqa' hawn... ibqa'.

*(tibda tressaq it-tapit lura f'postu)*

Jekk għadek trid...

ALDO *jitfaċċa fil-bieb jinfaxxa idu.*

**ALDO**

Grazzi! M'għandi bżonn xejn! - Jekk irrid xiex?...

**KAREN**

Jekk trid ... jekk trid inwasslek sal-klinik.

*(ħatja - titlaq in-négligée fuq il-valiġġa)*

Għandek injection tat-tetnu?

**ALDO**

Tetnu!... Jien ma sejjer ebda klinika, ibqa' ċerta!..

**KAREN**

*(tersaq)*

Reġa' ħiereġ id-demm...

**ALDO**

X'ix-xjafek!... Ma jrid jieqaf b'xejn! Kollu ħtija tiegħek! Int u r-ras miġnuna li għandek!

*(idur u jmur lura fil-kamra tal- banju)*

**KAREN**

*(warajh - tisplodi)*

Jien? Int... Int għandek tgħid! Int u l-għira kollha

tiegħek! Kollu tort tiegħek!

*Pawsa.*

*Ebda tweġiba. Għajr L-ISTORBJU TAL-ĦADDIEMA barra.*

**KAREN**

Tort tiegħek! Qed tismagħni!

*Tridu jismagħha - iddur irrabjata lejn il-gallarija - tixref 'il barra.*

**KAREN**

Intom għadkom hawn! Ilkom nofs ta' nhar u m'għamiltux ħames minuti xogħol! Morru! Daqshekk xogħol! Ħuduha off! ... Qed tismagħni? - Għidtlek ieqaf! Ieqfu!...

*Tinduna li m'humiex jisimgħuha - jew m'humiex jagħtu kasha - iddur f'daqqa.*

**KAREN**

Eh, iva? Eh, iva, ja bagħal... Issa naraw mela.

*Taqbad il-fil tal-wajer li hemm dieħel mill-gallarija u ssegwih sa fejn huwa pplakkjat fil-ħajt. Tiġbed il-plakka bil-herra. Skiet perfett.*

**KAREN**

Aħdmu issa - aħdem kemm trid...

*Titlaq il-plakka fl-art u tmur lejn il-kavallett. Tieħu l- flixkun u l-magg u tferragħ fih. Tixrob waqt li ddawwar ħarsitha lejn it-tila. Tosservaha għal bosta sekondi.*

**ALDO (O.S.)**

Karen!...

KAREN *ma tiċċaqlaqx.*

**KAREN**
*(weħedha)*

I'm sorry...

**ALDO**
*(l-istess)*

Karen!

**KAREN**
*(taħt l-ilsien)*

Ġejja!

*Tibqa' meżmerizzata tħares Ìejn it-tila.*

*Imbagħad itbaxxa u tiġbor il-paletta — tieħu s-sikkina f'idejha. Tibqa' wieqfa hemm quddiem il-kavallett, paletta f'id waħda, is-sikkina marsusa fl-id l-oħra.*

*Jidħol* ALDO*, idu infaxxata sew issa.*

**ALDO**

Mela ma tismax? Waqfu dawk? Ara tistax tagħmel għoqda hawn...

KAREN *iddur lejh, titlaq il-paletta bla għaġla ħdejn il-kavallett, imbagħad bil-mod tiftaħ l-id l-oħra u tħalli s- sikkina taqagħlha minn idha. Tieqaf tħares donnha mistagħġba lejn il-pala ta' idha minn fejn jibda jidher ħiereġ id-demm.*

*Tersaq lejh, trid tgħinu jorbot il-faxxa, imma donnha msaħħra mid-demm iqattar minn idha.*

**ALDO**

Ġieżuġież! Karen! X'għamilt?...

**KAREN**

*(għajnejha jiċċajpru)*

I'm sorry, Aldo...

*FADE OUT - SKRIN ABJAD.*

**KAREN (O.S.)**

I'm sorry.

*(et seq.)*

# GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*Xeneġġjatura f'4 Partijiet*

*Silta mit-Tieni Parti*

## IL-POST

*NOTA: Għadd ta' xeni li jseħħu fid-dar u l-artijiet tad-Depawli huma mifrudin b'mogħdija ta' bosta snin - ix-xeni tal-bidu fis-snin sittin, l-oħrajn fil-preżent. Id-deskrizzjonijiet tal-post għalhekk jirriflettu din il-firda ta' żmien kif indikat.*

### L-IMGĦODDI

*Il-Kamra tal-loġġa. Id-dar tad-Depawli - Snin ilu.*

*Id-dar tad-Depawli f'Wied il-Bies - arkitettura medjevali, ġebel u ħnejjiet - il-kamra tal-loġġa, użata wkoll biex jilqgħu n-nies formalment. Bieb jagħti għall-intrata.*

*Il-loġġa titla' għaliha bi tliet filati taraġ, b'medda balavostri tal-ġebel tul il-parapett li jifridha mill-bqija tal-kamra.*

*Mill-bieb miftuħ u l-ħġieġ tal-loġġa wieħed jista' jara xi qsari kbar tal-ġebel, siġar tal-larinġ, u warajhom, biċċa sew mill-ġonna ta' madwar id-dar. Kollox jixhed snin twal ta' traskuraġni: is-siġar u x-xtieli nexfin, liedna u ħaxix ħażin kullimkien u ħġieġ tal-loġġa mkisser, b'xi bċejjeċ tal-kartun jimlew il-vojt. F'rokna fil-għoli jidher jixref raff taħt ħnejja nofs tond għal ġol-loġġa. Imgeddsa fih jidhru xi qsari tal-fuħħar, għodod tal-ġnien u xi xbiek u xkejjer.*

*Ma' ħajt hemm librerija kbira bi skrivanija bejn l-ixkafef mimlija kotba qodma, u xi figorin 'l hawn u 'l hinn itaffi l-monotonija, kif ukoll xi għasafar kbar tal-priża bbalzmati, imperrċin fuq xkaffa fil-għoli: xi bies, kuċċarda u bagħdan. F'nofs il-kamra, mejda kbira ovali tal-kawba mdawra bis-*

*siġġijiet; fuq il-mejda platt b'xi tliet larinġiet imġandra. Siġġu tad-dirgħajn/pultruna quddiem l-iskrivanija.*

*Barra l-ħġieġ tal-loġġa jidher terrazzin.*

**BARRA L-LOĠĠA. IT-TERRAZZIN.**

*Xi qsari tal-ġebel, parapett bil-balavostri, liedna, siġar tal-larinġ, xi żewġ tarġiet nežlin lejn il-ġnien ittraskurat tad-Depawli. Bandla ta' bi tnejn fuq qafas tal-ferrobattuto, imħaded irrakkmati, skuluriti bix-xemx. F'rokna tat-terrazzin (ħdejh jew taħtu), fdalijiet ta' fejn darba kien hemm guva kbira tal-għasafar.*

**IL-PREŻENT.**

**Il-kamra tal-loġġa. Id-dar tad-Depawli - Illum.**

*Ix-xena għadha kważi identika bħall-palazz ta' għoxrin sena ilu, biss issa ninsabu f'palazz miftuħ għall-pubbliku. L-għamara antika, l-iskrivanija, il-kotba, u l-għasafar ibbalzmati għadhom hemm, iżda kollox nadif u jleqq u miżmum tajjeb ħafna, infatti, ħbula ħoxnin kulur porporina, imdendlin nofs qamar fuq arbli qosra tal-aluminju jservu ta' lqugħ biex il-viżitaturi ma jmissux l-affarijiet esebiti: il-mobbli u l-antikitajiet tad-Depawli. Xi "spotlights" irranġati strateġikament idawlu dettalji li forsi qabel ma kinux prominenti: xi gwarnić indurat ta' kwadru tal-antenati, kotba antiki fl-iskrivanija jew xi fided ġo vetrina. Il-mejda hija armata bl-istess sett tat-te ta' qabel, imma bi dvalja tal-bizzilla mill-ifjen. F'nofs il-mejda hemm kornukopja kbira ta' frott, larinġ, għeneb, dulliegħ, rummien, kif ukoll xi qmuħ.*

*Fil-loġġa hemm pjanti mdendlin u fjuri ma' kullimkien - ġeranji, qronfol u ward. Barra, fit-terrazzin u l-ġnien, pjanti u siġar oħra mimlijin frott*

*Mill-bieb miftuħ u l-ħġieġ tal-loġġa wieħed jista' jara xi qsari kbar tal-ġebel, siġar tal-larinġ u żebbuġ u warajhom biċċa sew mill-ġonna mill-isbaħ ta' madwar id-dar.*

---

# IT-TIENI PARTI

## 44. BARRA. FIS-SERRA - BINHAR.

GRUPP TA' TURISTI *mexjin bejn pjanti u fjuri,* IL-GWIDA *miexja quddiem, tispjega bi lsien barrani.* PETRA *(kbira fl-età) miexja xi ftit passi warajhom.*

## 45. BARRA. AVJARJU TA' GĦASAFAR EŻOTIĊI - BINHAR.

*GĦANA TA' GĦASAFAR, KULTANT XI GĦAJTA STRAMBA TA' GĦASFUR JEW PAPPAGALL.*

*L-għasafar itiru minn naħa għal oħra, minn bejta għal oħra.*

*Għasfur tal-priża, ġwenħajh miftuħa beraħ.*

## 46. BARRA. FIS-SERRA - BINHAR.

ĠENNIEN *anzjan ibexxex il-pjanti. Iħalli* T-TURISTI *jgħaddu, iġenneb il-pajp tal-ilma biex ma jxarrabhomx. Jistenna lil* PETRA *tilħaq magħhom.*

*B'tislima jagħtiha kemm kemm tbissimha indeċiża.*

PETRA *tinjurah - tersaq tosserva xi xtieli li għadu kemm bexxex. Xi wħud minnhom ma leħaqhomx l-ilma - tagħmillu sinjal biex ikompli fuqhom. Tibqa' għaddejja bla għaġla wara* T-TURISTI *li issa ħerġin mis-serra.*

IL-ĠENNIEN *ixengel rasu josserva b'ħasra lil* PETRA *għaddejja waħedha waħedha qalb fjuri u pjanti.*

## 47. BARRA. IL-ĠONNA TAD-DEPAWLI - BINHAR.

*Dehra mill-għoli ta' serra wara serra, wara serra.*

**48. BARRA. ROKNA MWARRBA TAL-ĠNIEN BARRA S-SERER ĦDEJN GĦORFA - BINHAR.**

PETRA *toħroġ mill-bieb tas-serra. Tersaq tħares lejn grada ġdida tal-aluminju nofsha mbexxqa bejn ħajt tal-ġnien u għorfa.*

*Tiġbed il-grada biex tagħlaqha u tkun se tkompli għaddejja imma l-bieba donnha ma tridx tingħalaq u terġa' titbexxaq.*

*Warajha hemm taraġ dejjaq tal-ġebel, imblukkat bl-imbarazz, ġebel u ħaxix ħażin.*

PETRA *tieqaf; tkun ser terġa' tagħlaqha, imbagħad tieqaf donnha semgħet, jew rat xi ħaġa.*

*Wiċċ* PETRA.

*ILĦNA 'L BOGĦOD, DONNHOM GĦAJJAT TA' ĠUVNI U TFAJLA JIDĦQU, JITĦALLTU MA' GĦANA TAL-GĦASAFAR.*

PETRA *tinżel it-taraġ mimli għollieq u ħaxix ħażin, donnu ilu ma jinżel xi ħadd minn hemm.*

*Xi qxur ta' bebbux niexef, imqarqaċ u abjad bix-xemx tisreġ fuqu.*

PETRA *tevita li tirfes fuqu.*

*Twarrab xi dielja jew liedna li timblukkalha l-mogħdija.*

*L-ILĦNA TA' ĠUVNI U TFAJLA ISSA JINSTEMGĦU AKTAR QRIB.*

PETRA *tieqaf tħares 'l isfel.*

**49. BARRA. ID-DURA F'GĦALQA MĦARBTA U MITLUQA - BINHAR.**

*Dura f'nofs ħalqa mħarbta u mitluqa.*

*Fid-dura m'hemm ħadd. Xi gaġġa jew gabjun kważi qed jitmermer; ftit bogħod mid-dura biċċa roqgħa art għera, donnha nħarqet biex jitneħħa l-ħaxix u kull ħaġa oħra li jista' jikber fiha.*

**49A. BARRA. SERRA ĦDEJN L-GĦORFA - BINHAR.**

*XI MKIEN QRIB L-GĦANA TA' PITIRROSS.*

PETRA *tinżel tarġa. Iżżomm mal-ħajt tas-sejjiegħ hija u nieżla. Xi ġebla jew tnejn jinqalgħu mill-ħajt, jitgerrbu fil-mogħdija quddiemha.*

*Għajnejn* PETRA *jippruvaw jaraw minn fejn ġej l-għana tal-pitirross.*

**49B. BARRA. ID-DURA - BINHAR. ILLUM**

*Erba', ħames ġebliet tas-sejjieħ, gozz ġebel: dak li baqa' minn dak li darba kien ħajt tas-sejjieħ.*

*Taqa' ġebla oħra.*

*Il-kulur tal-ġebel jintilef bil-mod - jaqleb għal kulur sepja.*

*ID-DAĦQ TA'* PETRA *U* SAMWEL.

**49Ċ. BARRA. ID-DURA - BINHAR. (IS-SITTINIJIET)**

*KULUR SEPJA: Id-dura, aktar mill-qrib: il-gabjun imfarrak li rajna qabel issa jidher ġdid u sħiħ.*

*L-GĦANA TAL-PITIRROSS.*

*LURA BIL-KULUR:* PETRA *ddawwar ħarsitha lejn mnejn donnu ġej l-għana tal-pitirross.*

*LEĦĦA fuq pitirross jgħanni ġo trabokk li jinsab fuq il-borġ ġebel li rajna qabel, issa mtella' u magħmul f'ħajt tas-sejjieħ.*

*L-ILĦNA TA'* PETRA *U* SAMWEL *FID-DURA.*

*Wiċċ* PETRA*: iddawwar ħarsitha lejn mnejn ġejjin l-ilħna.*

*ID-DURA: KULUR SEPJA li jinqaleb għal kulur ISWED U ABJAD – EFFETT TA' MOGĦDIJA LURA FIS-SNIN.*

*ABJAD U ISWED:* PETRA *(żagħżugħa) tidħaq, daharha lejna, għarkupptejha fuq* SAMWEL *li jinsab mixħut fl-art wiċċu 'l fuq - sieq waħda fuq naħa u oħra n-naħa l-oħra, tħabbillu u ġġebbidlu xagħru u tidħaq.*

**SAMWEL**

*(jipprova jeħles minn taħt idejha)*

Ħallini, Petra! Terġax! I'm sorry!

**PETRA**

*(daħarha lejna)*

Skużani! Mhux sorry!!

**SAMWEL**

Għedtlek sorry!. - OK - skużani!...

*(jieqaf ħesrem - donnu ra xi ħaġa wara* PETRA*)*

KULUR: *Wiċċ* PETRA *(kbira fiż-żmien) tħares lejh.*

SEPJA: PETRA *(żagħżugħa) tidħaq, daharha lejna tħares lejh - tinduna li ħarstu ssummat f'daqqa waħda.*

*Iddur tħares lejn xiex qed iħares hu.*

*Wiċċ* PETRA *(illum) tħares lejha.*

*IL-ĦARS BEJNIETHOM: wiċċ* PETRA *llum jitlef il-kulur waqt li* PETRA *żagħżugħa jieħu l-ħajja.*

*Il-ħarsa fuq wiċċ* PETRA *żagħżugħa - eqreb.*

PETRA *(kbira fiż-żmien) mill-bogħod, wieqfa f'tarf it-taraġ tal-għorfa: fl-isfond is-serer u l-ħitan tal-palazz tad-Depawli.*

PETRA *(żagħżugħa) mixħuta fuq* SAMWEL*, iddawwar ħarsitha lura lejh.*

**PETRA**

X'int tara?

**SAMWEL**

Xejn... Deherli smajt xi ħadd nieżel.

PETRA *twarrab minn fuq* SAMWEL*.*

SAMWEL *għadu jħares warajha, iqum.*

*L-istess dehra tat-taraġ tal-għorfa fejn għad kemm kien hemm* PETRA *(kbira fiż-żmien), fl-isfond il-ħitan tal-palazz tad-Depawli.*

*Imma* PETRA *(kbira fiż-żmien) mhix hemm.*

PETRA *(żagħżugħa) tersaq lejn it-taraġ, tixxabbat fuq iċ-ċint.*

*Id-dar tad-Depawli minn barra. Ebda sinjal ta' ħajja.*

SAMWEL*, taħt* PETRA*, iħares 'il fuq.*

**SAMWEL**

Tara 'l xi ħadd?

PETRA *tħares madwar il-ġnien.*

NIKOLA *jinsab ħdejn serra mwaqqgħa joħrog xi qsari minn qalb il-ħaxix ħażin.*

**SAMWEL**

Hemm għadu Nikola?

**PETRA**

Tagħtix kas Nikola. Però aħjar titla' lura sal-loġġa. Deherli rajt lil Elen tittawwal minn fuq.

**SAMWEL**

Jekk mhux wieħed, l-oħra!

**50. ĠEWWA. ID-DAR TAD-DEPAWLI - IT-TURRETTA.**

*Il-kamra ta'* EŻRA *fit-turretta fil-għoli: il-ġnien minn ġewwa d-dar.*

EŻRA *moħbi wara purtiera tqila, tromba f'idejh iħares 'l isfel.*

**50A. BARRA. ID-DAR TAD-DEPAWLI - BINHAR.**

MILL-GĦOLI: SAMWEL *miexi lejn il-loġġa jirranġa xi ftit ruħu,* PETRA *ftit passi warajh, it-trabokk f'idejha.*

SAMWEL *jitla' t-taraġ tal-loġġa, jagħmel sinjal lil* PETRA *biex tistenna barra. Jieqaf sekonda ħdejn il-bandla u jieħu flokk tas-suf u xi kotba mitluqin hemm.*

**50B. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

*Il-loġġa mdallma: il-purtieri ħoxnin tax-xitwa huma magħluqa tul il-loġġa kollha.*

*Mill-bieb imdendel żlugat tal-loġġa jidħol* SAMWEL*; flokk madwar qaddu, ktieb miftuħ f'idejh u xi tnejn oħra taħt abtu.*

*Jagħti xi żewġ passi għal ġol-kamra taparsi mehdi jaqra, imbagħad jgħolli ħarstu bil-mod.*

*Malli jara li m'hemm ħadd, jersaq lejn il-kurutur, jissemma' għal ftit, jieħu nifs ta' serħan u jitlaq il-kotba bl-addoċċ fuq il-mejda.*

*Imur fil-bieb tal-loġġa u jagħti tisfira ħafifa. Imbagħad jiftaħ beraħ il-purtieri tal-loġġa.*

**SAMWEL**

Ikun id-dawl!

SAMWEL *ipoġġi fuq waħda mit-tarġiet ta' ġewwa tal-loġġa, ifarfar it-trab u l-ħamrija minn fuqu.*

PETRA *tidħol ħafja mill-ġnien.*

**PETRA**

*(tħoll it-terħa u tħalli l-keffa tal-libsa tinżlilha taħt l-irkoppa)*

Fejn huma?

**SAMWEL**

Min jaf? Mhux xi mkien hemm ġew? — X'int ittawwal dik il-libsa, beżżiegħa! Baqgħalhom kwarta biex jinżlu.

**PETRA**

Hekk jew hekk m'aħniex erġajna ħerġin, le?

*(tibda tiġbor xagħarha lura f'malji)*

**SAMWEL**

Għala le?

*(iqum - joħroġ suffara tal-insib mill-but tal-jeans)*

Dak it-trabokk ikollna nneħħuh minn hemm. U

jekk nirranġa dis-suffara...

*(jipprova jsaffarha darba, darbtejn - għalxejn)*

Għandek hair pin?

*(jiġbidlha xagħarha u jħollilha l-malja)*

U ħallih hekk dak ix-xagħar!

**PETRA**

*(tipprova tinġibed minnu)*

Ħallini!

**SAMWEL**

*(idejh madwar għonqha b'xagħarha maħlul)*

Hekk! Hekk isbaħ!

**PETRA**

M'ilekx kont tgħid li jogħġbuk il-malji. M'għadnix qisni tifla żgħira?

**SAMWEL**

Rapunzell, Rapunzell...

**PETRA**

*(tinġibed minnu - bierda)*

Rapunzell ma teżistix hawn ġew. Dak li tkun trid Elen, jew li tarana hemm barra.

**SAMWEL**

B'daqshekk! Belha jekk taħseb li noħroġ fis-serra biex nistudja!

PETRA *terġa' tibda tagħmel xagħarha f'malja.*

**SAMWEL**

Int ma teħodlokx kopja. Quddiem in-Nanna mod, quddiem Elen ieħor...

**PETRA**

U quddiemek?

**SAMWEL**

...Fejn naf. Qisek kamalejont.

**PETRA**

Kliem tqil ma nifhmux.

**SAMWEL**

Hemm int; tagħmilha tal-belha.

**PETRA**

Tal-injuranta. Għax hekk jixtiequ jarawni dawk.

**SAMWEL**

*(jerġa' jipprova s-suffara - għalxejn)*

Fejn għidt kien hemm labra?

PETRA *tmur lejn il-purtiera tal-intrata u taqla' labra tal-ħjata minn ma' pieg fil-għoli.*

**SAMWEL**

Għadhom iqegħduhom hemm - fil-għoli, bħal meta kont żgħir!

*Jieħu l-labra mingħand* PETRA *li tpoġġi ħdejh fuq it-tarġa tal-loġġa.*

*Issoff subgħajha għax tniggżet bil-labra.*

SAMWEL *inaddaf is-suffara, imbagħad jipprova jsaffarha.*

**PETRA**

Tista' tarmiha. Fejn sibtha?

**SAMWEL**

Kienet tan-Nannu naħseb. Jew missieri. Fejn

naf.

*(jerġa' jipprova jsaffarha - qed taħdem)*

Hemm int!

*(pront iqum)*

Ejja, ġejja?

**PETRA**

*(ma tqumx)*

Se ndumu imma?

**SAMWEL**

Jekk trid tibqa' hawn, ibqa'!

*(jimxi lejn il-bieb, imma mhux se joħroġ mingħajrha)*

...Oqgħod aħdmilha l-peduni lil Elen mela. Tgħidx kemm tieħu gost bik!

**PETRA**

Qatgħet qalbha tgħallimni naħdem is-suf. Illum kellha tgħallimni r-rakkmu. U għax qabbditha n-Nanna, mhux għax trid hi.

**SAMWEL**

Dak għax qed tiddiżappuntaha - lin-Nanna wkoll. F'ġimagħtejn malajr intebħet li mhux lakemm tirbħek kif ġieb u laħaq lilek.

**PETRA**

Xi trid tirbaħni lili?

**SAMWEL**

Ma ċċedilhiex biżżejjed, dik hi.

**PETRA**

Forsi għax jien ma nafx inċedi. Imma qatt ma nqastha mir-rispett.

**SAMWEL**

*(jidħaq)*

Rispett - int! Ħaġa ngħidlek però: veru se taqbel magħhom int!

**PETRA**

Fiex naqbel?

**SAMWEL**

Arak! Tiddefendi ruħek b'mistoqsija.

**PETRA**

*(tgħolli spallejha)*

**SAMWEL**

Mhux għax inlumek. B'xi mod kulħadd irid jiddefendi ruħu hawn ġew. Tgħallimtha kmieni jien dik. U dak li jagħmlu, dejjem bi ħsieb. Ukoll l-istramberiji tagħhom...

**PETRA**

Tagħhom biss?

**SAMWEL**

Tagħhom - tiegħi wkoll messni għidt. Għax jien wieħed minnhom, irrid jew ma rridx. Jgħidu li wkoll meta kont żgħir, darba - forsi kelli sitt snin? - darba kelli xi ngħid man-Nanna. Ma nafx fuqiex - biss jgħidu domt xahar ma rridx ngħidilha kelma li hi kelma! U hi lili! Pika bejn tifel ta' sitt snin u mara suppost matura! Temminha?

**PETRA**

Forsi. Forsi għalhekk ukoll nippreferi r-rabja bla rażan ta' Elen.

**SAMWEL**

Għax tibża' min-Nanna.

**PETRA**

Nibża'? Jien ma nibża' minn ħadd. U minn kulħadd.

**SAMWEL**

Mur ifhmek. Ejja, ġejja?

**PETRA**

*(tqum, imma bla għaġla)*

Samwel... Għaliex taħseb li tobgħodni Elen?

**SAMWEL**

Elen? Kieku għidtli Nikola...

**PETRA**

Le. Nikola ma jobgħodnix. Jipprova jużani iva, imma għall-bqija, ma jimpurtah assolutament xejn minni. Elen - Elen ħaġ'oħra.

**SAMWEL**

X'kienet dik ix-xenata ta' dalgħodu?

**PETRA**

*(tgħolli spallejha)*

Qalet lin-Nanna biex tibdilli l-kamra.

**SAMWEL**

Reġgħet?

**PETRA**

Il-kamra t'Eżra tiġi eżatt fuq tiegħi, hux veru?

**51. ĠEWWA. IL-KMAJRA TA' EŻRA - BILLEJL.**

EŻRA *bilqiegħda fuq banketta u milwi tnejn ħdejn bank fejn*

*qiegħed jibbalzma tajra għad-dawl ta' lampa tal-pitrolju,*

**SAMWEL (O.S.)**

Iva. Għaliex?

**PETRA (O.S.)**

Għaliex dejjem imsakkar, inkaxxat, hemm fuq?

EŻRA *jqum u jmur ibexxaq il-bieb tal-kamra u joħroġ f'kurutur mudlam.*

**SAMWEL (O.S.)**

Eżra? Għidtlek. Bilkemm jara; id-dawl jagħmillu ħażin. Jekk qatt tidħollu hemm ġew ma tara xejn - dlam kullimkien. L-unika tieqa jżommha mbarrata u mal-ħitan ħlief xkafef impestati bil-bebbux u tjur ibbalzmati ma tarax. U riħa ta' buraxx u salnitru li taqsam.

**PETRA (O.S.)**

U n-Nanna qatt ma ssemmih. Jew tkellmu.

**51A. ĠEWWA. IL-GARIGOR - BILLEJL.**

EŻRA *nieżel garigor*

**SAMWEL (O.S.)**

...Dik storja oħra. Ejja, ġejja?

**PETRA (O.S.)**

...U Nikola dejjem jaħarbu.

**51B. BARRA. FIL-LOĠĠA - BINHAR.**

**SAMWEL**

*(jgħolli spallejh)*

**PETRA**

*(bilqiegħda fuq il-bandla)*

Għax dik l-istess storja imma. Naf.

**SAMWEL**

Eżra jaħrab minn kulħadd. Anki minni!

**52. ĠEWWA. ID-DAR TAD-DEPAWLI. KURUTUR.**

EŻRA *jimxi jħakkek mal-ħajt tal-kurutur mudlam.*

*Jieqaf quddiem bieb imbexxaq u jittawwal ġewwa.*

**PETRA (O.S.)**

Minn Elen le imma.

**SAMWEL (O.S.)**

Xi ħadd irid jieħu ħsiebu.

**PETRA (O.S.)**

U billejl?...

**52A. BARRA. FIL-LOĠĠA - BINHAR.**

**SAMWEL**

Xiex billejl?

**53. BARRA. IL-KAMRA TAS-SODDA TAN-NANNA - BILLEJL.**

IN-NANNA *u* ELEN *fis-sodda nofsha mudlama.*

EŻRA *ħdejn il-bieb imbexxaq fil-kurutur, itektek kemm mal-bieb.*

*Wiċċ* IN-NANNA, *rieqda.*

*Wiċċ* ELEN, *għajnejha magħluqin.*

**53A. BARRA. ID-DAR TAD-DEPAWLI. KURUTUR - BILLEJL**

EŻRA *jdur mill-bieb u jimxi tul il-kurutur.*

*Jieqaf quddiem bieb imsakkar - jipprova jdawwar il-pum. Imsakkar.*

**54. BARRA. IL-KAMRA TA' PETRA - BILLEJL.**

PETRA *fis-sodda, mqajma u daharha mat-tistiera, f'idejha l-pitazzi bil-ħrejjef ta'* SAMWEL. *Tissemma' - tara l-pum idur.*

**PETRA**
*(tħares dritt)*

Dal-lejl ġie jħabbat mal-kamra tiegħi.

*TAĦBITA ĦAFIFA MA' BIEB.*

**55. BARRA. IL KAMRA TAS-SODDA TAN-NANNA - BILLEJL.**

*Wiċċ* ELEN *rasha fuq l-imħadda, għajnejha magħluqin.*

*TAĦBITA ĦAFIFA MA' BIEB FIL-KURUTUR BARRA KAMRITHA.*

*Għajnejn* ELEN *jinfetħu beraħ.*

**SAMWEL (O.S.)**

Ftaħtlu?

**PETRA (O.S.)**
*(mument ta' eżitazzjoni)*

Le.

**SAMWEL (O.S.)**

Fejn taf li kien hu?

**PETRA(O.S.)**

Smajtu. Sejjaħli Sylvie.

**56. BARRA. IL-KURUTUR, BARRA L-BIEB TAL-KAMRA TA' PETRA - BILLEJL.**

EŻRA*, milwi tnejn ħdejn is-serratura.*

*PASSI RESQIN FIL-KURUTUR.*

**EŻRA**

*(taħt l-ilsien)*

Sylvie! - Sylvie!

*Id* ELEN *tiġi minn warajh u tgħattilu ħalqu.*

EŻRA *jberraq għajnejh, imma ma jippruvax jgħajjat jew jissara biex jeħles minnha.*

ELEN *iddawwar u tiġbed lil* EŻRA *lura minn mal-bieb.*

**57. BARRA. FIL-LOĠĠA - BINHAR.**

PETRA *nieżla t-tarġiet tal-loġġa, iddur lejn fejn hemm il-fdalijiet imkissra tal-guva.* - SAMWEL *nieżel warajha.*

**PETRA**

Sylvie. Kienet ommok, mhux hekk?

**SAMWEL**

Kont għidtlek. Mietet ftit wara li telaq missieri. Eżra kien iħobbu wisq. Tal-anqas hekk jgħid Nikola. Missieri kien għamel żmien kien taha għall-insib, u t-tjur kollha li jaqbad kien jagħtihom lil Eżra. Kellu guva daqsiex mimlija għasafar hawn barra. Sakemm imbagħad, wara li telaq...

*(jgħolli spallejh)*

**PETRA**

X'gara minnhom?

**SAMWEL**

Mietu.

**PETRA**

Mietu? Hekk - kollha f'daqqa?

**SAMWEL**

Jum wieħed sabuhom hemm, mejta. — Qatluhom.

**PETRA**

Min?

**SAMWEL**

Huma. Elen kienet tgħid li kien Nikola. Imma mbagħad darba Nikola qalli li kienet in-Nanna. Jew setgħet kienet ommi, min jaf?

**PETRA**

Ommok?... — U dawk it-tjur kollha bbalzmati hemm ġew, allura dawk huma?

**SAMWEL**

Huma. U xi ftit oħrajn ukoll.

**58. BARRA. FUQ IT-TERRAZZIN - BILLEJL.**

ELEN *bilqiegħda fuq kantun,* EŻRA *wiċċu f'ħoġorha, jibki bikja ħiemda.*

ELEN *kemxejn tbissima, tmellislu xagħru.*

**PETRA (O.S.)**

*(bla sentimentaliżmu)*

Miskin Eżra. Dal-lejl hu kien - jibki - waħdu - wara l-bieb fil-kurutur. Meta ftaħt il-bieb...

**59. BARRA. IL-GUVA MĠARRFA ĦDEJN IL-LOĠĠA - BINHAR.**

*Mill-għoli tat-terrazzin:* PETRA *u* SAMWEL *ħdejn il-loġġa.*

**SAMWEL**

Ftaħtlu mela.

**PETRA**

*(tħares 'il fuq, lejn it-terrazzin)*

Stennejt ftit. Meta ftaħt kien diġà għeb. Stennejt wisq... Wara mbagħad smajtu hemm barra, fuq it-terrazzin, wara li dħalt lura.

**SAMWEL**

Darb'oħra, Petra... darb'oħra aħjar ma tiftaħx.

**PETRA**

Darb'oħra...

*(tieqaf – wara ftit ddur lura lejn il-ġnejna)*

X'għasfur għidt li rajt hemm barra?

**SAMWEL**

Malvizz għandujkun...

**PETRA**

Donnha dik il-ġnejna misħuta. X'jiġu jagħmlu l-kaċċaturi 'l hawn?

**SAMWEL**

X'kaċċaturi huma? Jgħaddi 'l hawn kultant xi wieħed, imma bi drawwa - jew forsi bi sfida. Tiħux għan-Nanna.

**PETRA**

Rajt iċ-ċomb hemm barra imma, ħdejn is-serra.

**SAMWEL**

Forsi għalhekk iwaħħlu fihom għal din il-ħerba hawn barra. Bħalma jwaħħlu fin-nassaba - u fittfal tar-raħal.

**PETRA**

Forsi ħatja huma daqs kemm hu ħati l-maltemp.

**SAMWEL**

U ż-żmien. Fuq kollox Nikola telaq kollox. U lil Eżra kemm-il darba rajtu hawn barra, ikisser dal-ħġieġ.

**PETRA**

Apposta?

**SAMWEL**

Apposta. Bil-ponn. U... ġieli jien ukoll - jien ukoll ġieli noħlom narani hemm, f'nofs is-serra mkissra. Meta nqum ma niftakarx sewwa xi nkun ħlomt. Niftakar biss li narani hemm barra, idejja magħqudin ponn, mimlija demm...

*(iħares lejn idejh)*

**SAMWEL**

...Id-demm. Jekk hemm ħaġa li ma nissaportix...

**PETRA**

Ġej Nikola. Ħareġ mis-serra.

**SAMWEL**

It-trabokk? Fejn ħallejtu? Żgur sa jarah.

**PETRA**

Hekk jew hekk. Diġà rana hemm barra.

**SAMWEL**

Kien qed jara kollox?

*(jgħolli spallejh)*

Aħjar għalih, hekk jew hekk...

*Imma xorta jipprova jfarfar xi trab minn fuqu u jirranġa u jgħaddi jdejh minn xagħru.*

PETRA *tikkumpatih - tagħtih ħarsa, tbissima żgħira,*

**PETRA**

Hekk jew hekk!...

*(iddur lejn il-bieb tal-loġġa)*

**60. BARRA. FIL-LOĠĠA - BINHAR.**

NIKOLA- *liebes il-libsa tas-soltu imma bla l-ġlekk u bi kmiem il-qmis imxammrin - jitla' t-taraġ, mgħobbi b'xi żewġt iqsari mdaqqsin, imxellfin u mimlijin trab, fihom xi zokk ta' palma bil-weraq nofsu niexef.*

PETRA *titfaċċa quddiemu fl-ogħla tarġa timbarralu t-triq.*

NIKOLA *jtiha ħarsa, jgħaddi minn ħdejha bla kliem xejn, kważi jwarrabha min-nofs hu u jkompli dieħel.*

**61. ĠEWWA: IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

**NIKOLA**

*(iniżżel il-qsari)*

Se tħalluh hemm dak it-trabokk?

**SAMWEL**

Iva, naf; issa ndaħħlu. Mhumiex se jarawh tiħux ħsieb.

*(idawwar id-diskors)*

Dawn *(il-qsari)* għal fejn?

**NIKOLA**

Neħħih minn hemm. Damet biex ġietek innamra lilek! ...Talbuhomlha għall-fiera, għal nhar il-Ħadd. Riħ isfel illum dik; it-trabokk ikun jonqosha. U trid xi fjuri mis-serra wkoll illum is-Sinjura tarax. Għadha toħlom. Kultant ngħid jien, kultant ma nafx...

*(ixengel rasu)*

**PETRA**

*(wieqfa tħares 'il barra mil-loġġa)*

Kont qed tnaddaf is-serra?

**NIKOLA**

Jien - innaddaf is-serra? U għaliex għandi nnaddafha jien, eh, għaliex? Xi trid tgħid biha int?

**PETRA**

Xejn. Staqsejtek.

**SAMWEL**

Iva kelma qaltlek. Tridx daqqa t'id? Indaħħlulek aktar qsari?

**NIKOLA**

Issa trid tgħin, int?

**SAMWEL**

U iva! Għid - xi kemm trid aktar Elen?

**NIKOLA**

*(ħarstu dejjem fuq* PETRA*)*

Tista' trid li trid dik. Tieħu dak li hemm. Hawn ġew għamlitu tagħha - b'hemm barra ma tintrigax - mela tieħu dak li ntiha jien is-

Sinjorina Elen. Dak li tieħu.

**SAMWEL**

U iva - issa nara x'hemm! Ġejja, Petra?

**PETRA**

Mur. Issa niġi.

*(tarah indeċiż)*

Mur, ġejja!

SAMWEL *joħroġ.*

NIKOLA *jniżżel il-kmiem imxammrin u jmur idaħħal sellum ħdejn il-bieb tal-loġġa.*

PETRA*, ma tiċċaqlaqx - tosservah.*

NIKOLA *jqandel u jwaqqaf is-sellum mar-raff ġewwa l-loġġa.*

**NIKOLA**

X'int tħares int?

**PETRA**

X'kont qed tħares int, hemm barra?

**NIKOLA**

Bid-duqqaqa llum int qed nara.

**PETRA**

In-Nanna riħ isfel, Elen bil-bijambò, u jien bid-duqqaqa. Għaliex le? U int, biex int int illum, Nikola?

**NIKOLA**

Bid-duqqaqa, iva. Jekk taf x'inhi duqqaqa int...

**PETRA**

Naf.

**NIKOLA**

Għasfur. Però, għasfur mingħajr bejta...

*Jinstema' L-ĦOSS TAS-SUFFARA:* SAMWEL. *Ikompli jinstema' aktar insistenti minn ħin għall-ieħor.*

**PETRA**

*(semgħetu - iddur biex toħroġ)*

Dejjem l-istess litanija.

**NIKOLA**

*(jibda tiela' s-sellum)*

Bla bejta, mela. U ma taqtax fejn tqiegħed il-bajd tagħha d-duqqaqa kaħla? Eh, isa, aqta'.

**PETRA**

Ma nafx u ma jinteressanix.

*(imma tibqa' fil-bieb)*

**NIKOLA**

Ma tafx. Tgħid veru imma? Forsi aħjar hekk kieku.

*(iqalleb fuq ir-raff,*
*ifittex qasrija sura ta' nies)*

Aħjar hekk. Għax kieku jkolli għalfejn nibża' minnek. Imma int - int m'int xejn hawn ġew, tifhem? Xejn, tinsiex. Int u Samwel, hemm barra...

**PETRA**

Xiex jien u Samwel?...

**NIKOLA**

... hemm tistgħu ...tilagħbu kemm tridu, imma hawn ġew xorta m'int xejn int. U oqgħod attenta...

**PETRA**

*(iddur lura - tersaq taħt is-sellum)*

Forsi veru; minni forsi ma tibżax. Għax int minn Samwel tibża' imma, mhux hekk?

**NIKOLA**

...Oqgħod attenta! Jien ġibtek hawn, u meta rrid, jien neħles minnek.

**PETRA**

Miskin Samwel; hu jibża' minnek - bħalma jibża' minnkom ilkoll, u minn kulħadd - imma int, int bla ma taf jew tammetti, int tibża' minnu.

**NIKOLA**

*(jinżel b'qasrija)*

Jien nibża' minnu? X'għandi x'nibża' jien?

**PETRA**

Għax hu Depawli veru - u int m'intix. U qatt ma kont jew tista' tkun - titħallat u tindiehes fl-affarijiet tagħhom kemm titħallat u tindiehes - qatt ma kont u qatt ma tista' tkun. Samwel iżda xi darba jaf jieħu kollox lura f'idejh. Imbagħad hawn ġew għalik ma jkunx hawn aktar post - u mhux għalija. U Samwel għad jeħlishom minnek...

**NIKOLA**

Elen. Dan kollu fissazzjoni t'Elen! Hi ħolmitha din - mhux int!

**PETRA**

Forsi hi wkoll.

**NIKOLA**

Hi! Imma jien - jien ma nibża' minn ħadd.

Ifhimni - minn ħadd - ħlief minn Alla! Minn Alla biss! Imma int - int qas taf x'inhu Alla int!

**PETRA**

Tridx tgħallimni, Sur Superjur? Bħalma għallimt lil Samwel! U safrattant arah, hemm barra, lili qed isejjaħ. Insieh lill-alla tiegħek. Bħalma nesa s-seminarju fejn ridtu jmur jinħeba int. Isimgħu.

**NIKOLA**

Hekk - iddaqqaq mela. Kont naf x'int int, tibżax. Kont naf! Mur ja qaħba, mela! Mur - għax issa s-siegħa tiegħek. Biss kun af - u kun af sewwa, li dak li qed jiġri, qed jiġri għax ridtu jien. Jien ridtu! Dak naf - dak qajjem ftit rixu, l-għasfur ċkejken tagħna, rabba ftit muskoli u biex jimpressjonak ukoll it-training qed jagħmel! Mur mela. Biss ftakar sew - l-istaġun tan-namur qasir u anki pitirross malajr jinsa u jfittex kenn band'oħra fix-xitwa! Ftakar sew...

**PETRA**

Ma tinqalax għall-parabboli!

**NIKOLA**

Ftakar! Hawn int bejta m'għandekx. Lanqas hawn, qed tifhem - lanqas hawn! Jien naf tajjeb - qed tifhem? Jien naf!

**PETRA**

X'taf?

**NIKOLA**

*(iddur - jerġa' jibda tiela' s-sellum)*

Naf li naf.

**PETRA**

X'taf?

**NIKOLA**

Id-dar tas-Sa Petronja. Naf għaliex ma żammitekx wara li miet hu. Ħajja xejn faċli, u nammetti - mhux tort tiegħek, naf. Raġel ħadd ma jaf hux b'qalbu marid, jew b'moħħu...

**PETRA**

*(taħt is-sellum)*

Int ma taf xejn! Ħadd ma jaf xejn. Għax jaħsbu li jafu kollox - bħalek! - għax jafu l-ħażen.

**NIKOLA**

Imma naf. U sa ċertu punt forsi nasal jiddispjaċini għalik ukoll...

**PETRA**

Jiddispjaċik! Tinsulentanix aktar, trid! Tinsulentanix! Għid u aħseb li trid, imma tinsulentanix!

*(tibda tielgħa s-sellum warajh)*

X'taf taf? Le, veru - ħajti ma kenitx ħafifa f'dik id-dar. Kienet tqila! Tqila, iva, imma lanqas int ma taf kemm kienet tqila u iebsa, Sur Nikola. Lanqas int li taf kollox!

**PETRA**

*(waslet kważi wiċċ imb wiċċ miegħu)*

Tiġinix għalhekk bil-litanija taʼ jiddispjaċini, tassew jiddispjaċini għalik! Li kien għalik, li kieku kien possibbli hawn ġew jiġri l-istess jew wisq agħar. Ngħidlek biss però li mhux aktar possibbli, qed tifhem? Qatt aktar! Imma int ma tifhimx - ma tifhimx! Int tifhem biss il-ftit li kapaċi tfassal f'moħħok u, akkost taʼ kollox, dak li tiffissa u tfassal f'moħħok tispiċċa biex tagħmlu realtà. F'moħħok! B'xorti ħażina kultant isir realtà għal ħaddieħor ukoll. U dik

hi l-marda tiegħek, Nikola - il-marda tagħkom ilkoll hawn ġew.

**NIKOLA**

Dik hi mela? Għalhekk m'għandek ebda intenzjoni li ssir parti minn din id-dar xi darba, int? Biex ma titteħidx?...

**PETRA**

Għalhekk!

**NIKOLA**

...Jew għax ma tistax tittieħed aktar?

*Iżda* PETRA *diġà bdiet nieżla s-sellum.*

**NIKOLA**

*(jaħtafha minn idha)*

Stenna!

*(jiftaf il-loġġ ta' fuq ir-raff - juri 'l barra lejn il-ġonna)*

Kieku... ejja nagħtu kas ikollok iċ-ċans int... Ħares! Kieku nħalluk, kieku ma tkunx trid issir is-sid ta' din id-dar? Ta' hemm barra kollu - ħares! - ta' dik l-art, dak il-ġnien?

**62. BARRA. ID-DAR U L-ĠONNA TAD-DEPAWLI - BINHAR.**

*Dehra mill-għoli li tinfirex u tiskopri l-wesa' kollha tal-artijiet tad-Depawli.*

*LEĦĦA fuq rokna tal-għalqa:*

*KELB TAL-KAĊĊA dieħel minn bejn xi żewg tankijiet imsadda, waqt li*

KAĊĊATUR *mgħobbi b'senter jitfaċċa fuq iċ-ċint, itajjar xi*

*ħġieġ imkisser li tqiegħed hemm biex ħadd ma jidħol.*

*Il-kliem RTO jidhru miżbugħin kbar u ħomor fuq iċ-ċint.*

**NIKOLA (O.S.)**

U kieku ngħidlek: Ejja nagħmlu patt jiena u int; kieku jien noffrilek dan kollu?...

**PETRA (O.S.)**

Kieku xiex?

**NIKOLA (O.S.)**

...Dan kollu. Proposta li tinteressak forsi, hux hekk? Mela kieku jiena ngħidlek; jekk trid int jista' jkollok dan kollu?...

**63. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

**PETRA**

*(tħares 'il barra)*

Int? Għaliex int?

**NIKOLA**

...Kieku ngħidlek, dwar Samwel kollox sew...

**PETRA**

...Int tgħidli?

*(tinħall minn miegħu - tinżel l-aħħar skaluni)*

Għaliex int? X'taħsbek li int hawn ġew, Nikola? L-anġlu kustodju ta' Samwel?

**NIKOLA**

Anġlu le...

**PETRA**

Xitan forsi.

**NIKOLA**

*(jinżel warajha)*

Jekk tisfurzani nagħżel, pjuttost ngħid l-għassies.

**PETRA**

L-għassies? Taʼ Samwel? Jew tal-ġnien? Taʼ hemm barra - taʼ dik il-ġenna tal-art!... *(tidħaq)* Forsi int taħseb... Imma le, mhix ċajta għalik dik, hux hekk? Dak il-ġnien - dik il-ġenna miżera...

**NIKOLA**

Miżera - miżera u meskina. Imma kulħadd minnha jrid jgħaddi...

*(jaħtafha u jiġbidha lejh)*

U int ukoll! Int tfittixha wkoll! X'toħroġ tagħmel hemm barra int kieku, eh, għidli! X'toħroġ tfittex?...

**PETRA**

Għaliex, ma tafx? Imissek taf, nemmies! Nemmies!

*(tissielet u tinħall minn idejh)*

Noħroġ iva - noħroġ u nfittixha iva, tassew! Għax bejn infern u purgatorju hemm limbu wkoll, Sur Superjur! U jekk nagħmel li nagħmel - isir għax isir, u mhux għax irrid jien jew għax trid int. Isir għax isir. Jalla xi darba nkun tassew nistaʼ nagħmel li rrid. Forsi mbagħad ukoll nagħżel li nfittex dak il-ġnien - dik l-istess ġenna taʼ art mishuta. U ma nsibhiex daqshekk bi tqila nagħżel bejn anġlu kustodju jew serp qarrieq.

*TERĠAʼ T-TISFIRA MINN BARRA.*

**NIKOLA**

Hemm hu! Isimgħu! Mur mela... Mur! U dak li

għandu jsir, isir. Għax is-serp qarrieq mhux jien ħloqtu, kun af, mhux jien, binti. U int m'intix kapaċi tgħaffiġlu għonqu - le, żgur mhux inti.

**PETRA**

Issejjaħlix binti...

**NIKOLA**

Mal-oħrajn taf taħbiha l-kburija int. Imma jien, l-espert tal-kburija, jien inxommha tinten elf mil bogħod. Mur, tir, mela - sakemm għadek ħielsa, tir. U jsir li jsir. Għax wara kollox, binti, għandek raġun int...

**PETRA**

Issejjaħlix binti, għidtlek! Sejjaħli qaħba kemm trid, imma mhux binti!

*LEĦĦEN SAMWEL ISEJJAĦ - PETRA!*

PETRA *tieqaf indeċiża, donnha trid tgħid l-aħħar kelma, iżda f'daqqa waħda ddur u taħrab 'il barra fil-ġnien.*

NIKOLA *jibqa' jħares warajha.*

*JINSTEMA'* SAMWEL *JIDĦAQ - U KWAŻI MINNUFIH WARA, ID-DAĦQA SFIQA TA'* PETRA.

**NIKOLA**

Tiru, mela - sakemm għadkom tistgħu.

*Xi TIRI TA' SENTER, mhux bogħod wisq.*

**NIKOLA**

...Imma mqar jekk anġlu mis-sema jħabbrilkom vanġelu ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut...

NIKOLA *sa fl-aħħar idur u jintelaq bilqiegħda fuq it-taraġ.*

*Jiġbor il-qsari madwaru u b'nofs ħajra jibda jaqla' l-palm li daħħal mis-serra u jerga' jħawwilhom fil-qsari li niżżel mir-raff - xogħol sfurzat u nofs kedda.*

*MINN ĠEWWA: ELEN ISSEJJAĦ - EŻRA! EŻRA!*

NIKOLA *jieqaf.*

*MINN BARRA: L-EKU TAD-DAĦQ TA' SAMWEL U PETRA.*

NIKOLA *jqum u jħaffef jagħlaq il-purtieri tal-loġġa.*

*IL-LEĦEN TA' ELEN ISEJJAĦ - JOQROB.*

NIKOLA *jħares lejn il-kurutur mnejn donnu ġej il-leħen.*

## 64. ĠEWWA. IL-KURUTUR BIL-GARIGOR FIL-FOND.

EŻRA *tfaċċa isfel mill-garigor.*

*Il-ħarsa ta'* NIKOLA *minn ġol-loġġa...*

*...LEĦĦA għal fuq* EŻRA *hekk kif dan jgħolli ħarstu mgħaddba u jgħolli jdejh il-leminija, subgħajh il-werrej ippuntat dritt lejn* NIKOLA: akkuża.

## 65. BARRA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.

*Indeċiżjoni ta' mument, imbagħad* NIKOLA *jitlaq kollox u joħroġ fil-ġnien - jiġbed il-bieb warajh.*

*Ftit sekondi biss wara jidħol* EŻRA *mill-kurutur.*

EŻRA *jersaq pass pass, bla għaġla, lejn mnejn ħareġ* NIKOLA, *donnu jrid joħroġ warajh.*

*Jieqaf jissemma' - ikun sa jġerri l-purtieri - imma d-dawl*

*jgħammxu - ma jissugrax.*

*L-ILĦNA TA'* PETRA *U* SAMWEL *JIDĦQU FIL-ĠNIEN.*

EŻRA *jittawwal minn bejn il-purtieri mbexxqa.*

**66. BARRA. IL-ĠONNA TAD-DEPAWLI ĦDEJN IL-BIR - BINHAR.**

SAMWEL *jinsab milwi tnejn ħdejn il-bir, iħallat xi ġir u ilma ġo barmil.* PETRA *ftit bogħod minnu ċċallas bil-ġir xi siġar b'pinzell tat-tibjid kbir u goff f'idejha.*

**67. BARRA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

*Il-qsari u xtieli nofs kedda li daħħal* NIKOLA *mill-ġnien; fl-isfond* EŻRA *jdur 'il ġewwa mill-purtiera.*

EŻRA *jħares lejn il-qsari.*

*Jersaq lejhom, imbagħad jinżel għarkopptejh ħdejhom.*

**EŻRA**

*(qisu qed jipprova jiftakar*
*xi talba jew magħmul)*

Mal-iħirsa tar-raba' jkollok ftehim... u l-bhejjem... il-bhejjem tar-raba' jkunu fis-sliem miegħek. U jkollok is-sliem - is-sliem miegħek?... U jkollok is-sliem fil-għarix tiegħek... xi darba. Xi darba...

*Waqt li jtenni l-kliem, jaqbad waħda mill-qsari vojta u jibda jagħti biha fuq il-qsari u x-xtieli l-oħra.*

*Ifarrak u jgħaffeġ kollox - qasrija wara l-oħra, daqqa wara daqqa.*

**EŻRA**

Ikollok is-sliem - ikollok - fil-għarix tiegħek - is-

sliem.

*(jieqaf - rasu mgħaddsa fuq il-ħerba li għamel)*

L-għarix tiegħek jiena nafu - jiena nafu l-għarix taʾ missirijieti - jien li jien barrani. Naf id-dar u naf kull kamra - kull bieb magħluq u kull gallarija mġarrfa - kull setaħ u kull raff - kull tarġa mbarrata, kull xriek imxaqqaq, kull pass fil-vojt. U nsegwi ż-żlieġa fosforexxenti li jħalli warajh il-bugħarwien ifittex il-kenn, it-turġien ma jwasslu mkien.

*ILĦNA MA JIFTEHMUX.*

ELEN *ISSEJJAĦ LIL* EŻRA.

*ID-DAĦQ TA'* PETRA *U* SAMWEL.

*ILĦNA OĦRAJN: ILĦNA PRIMORDJALI, L-GĦAJTA TIDWI TA' TJUR EŻOTIĊI MINN BARRA - MASĠAR IMSAĦĦAR.*

*Maħkum mis-seħer* EŻRA *jidher jirtogħod f'daqqa, jipprova jgħatti widnejh biex ma jismax.*

*...SAKEMM IFAQQA' QRIB TIR WIEĦED TA' SENTER.*

*JISKTU ĦESREM L-GĦASAFAR.*

*L-ILĦNA JONQSU BIL-MOD IL-MOD.*

**68. ĠEWWA. IL-KURUTUR F'TARF IL-GARIGOR.**

*Fl-aħħar ftit tarġiet hemm* RAĠEL/RUBEN, *ilbies tal-kaċċa, mixħut u mitluq f'qagħda mhux naturali, donnu waqaʾ l-garigor. Wiċċu hu mgħaddas 'l isfel, idejh magħluqin maʾ senter fuq sidru.*

*JINSTEMGĦU QRIB IT-TOKKI TA' ARLOĠĠ : MILL-BQIJA SIKTA ASSOLUTA.*

*DEHRA EQREB TAL-FIGURA STRAMBA F'TARF IL-GARIGOR.*

*Ir-ras mgħaddsa, eqreb.*

*Id ta' mara - komma ta' libsa pjuttost sinjorili, ċurkett tat-tieġ sabiħ f'sebagħha - tersaq lejn dik ir-ras.*

**NANNA (O.S.)**

Ruben?... Ruben!

*L-id iddawwar il-wiċċ hekk li jista' jintgħaraf:*

*Wiċċ ta'* RAĠEL *ta' xi erbgħin sena, mustaċċi bdew jibjadu primaturament, wiċċ aktarx robust, l-għajnejn magħluqin, donnu rieqed, iżda b'gelgul żgħir demm iċċarċar minn bejn xufftejh.*

**69. ĠEWWA. IL-GARIGOR F'TARF IL-KURUTUR.**

*Wiċċ* IN-NANNA *għajnejha magħluqa, kważi fl-istess pożizzjoni li rajna wiċċ ir-*RAĠEL *mixħut taħt il-garigor,* IN-NANNA *rieqda fuq is-siġġu tar-roti, imma dehra inkwetata fuq wiċċha, kultant tlissen xi kelma: Ruben?...*

*Saqajn is-siġġu tar-roti jiċċaqalqu f'daqqa bi skoss hekk kif* ELEN *tibda timbotta s-siġġu.*

IN-NANNA *tiftaħ għajnejha f'daqqa...*

*... u għal waqt wiehed terġa' d-dehra tar-*RAĠEL *mixħut f'tarf il-garigor qed jiftaħ għajnejh.*

**NANNA**

Ruben?

*Ir-rokna tal-kurutur f'tarf il-garigor - rokna fejn issa m'hemm ħadd.*

IN-NANNA *tħares, tipprova tgħolli rasha biex tara aħjar.*

ELEN *timbotta s-siġġu, hekk li bl-iskoss* IN-NANNA *terġa' taqa' lura daharha mal-imħadda wara rasha.*

**NANNA**

Fejn seta' mar?

*It-tnejn jidhru ixjeħ u aktar għajjenin mix-xeni ta' qabel. - l-effett ta' kedda jew tilwima li għadhom kemm kellhom - waħda minn bosta bħalha dan l-aħħar.*

**ELEN**

Xi mkien hawn ġew qiegħed.

**NANNA**

*(tqum bi tbatija mis-siġġu)*

Bla sabar hu wkoll. Agħar minn qabel.

**ELEN**

Kulħadd agħar.

**NANNA**

Hemm barra ma ħariġx żgur.

*L-ILĦNA, ID-DAĦQ TA' SAMWEL U PETRA FIL-ĠNIEN.*

**ELEN**

Huma biss.

**NANNA**

Hemm barra - dejjem hemm barra, X'inhuma jagħmlu?

ELEN *tersaq lejn il-loġġa u ssib il-qsari mkissrin.*

**ELEN**

Ara dal-ħmieġ! Ara dal-ħmieġ, Ma! Vendi-

kazzjoni wara l-oħra! Misħut l'hu! Maħmuġ!

ELEN *taqbad xkupa u b'qilla malajr tixkupa kollox 'il barra għal ġol-ġnien.*

**ELEN**

Nittien! Għalhekk biss jinqala'! Għalhekk biss!

IN-NANNA *tinxteħet lura mkedda fuq is-siġġu tar-roti.*

**NANNA**

Sejjaħ lil Petra. Tnaddaf hi. Fejn huma?

**ELEN**

Hemm barra qegħdin - jilagħbu! Imma hemm hu magħhom - tiħux ħsieb! Jilgħab hu wkoll!

*(issabbat u tagħlaq il-bieb tal-loġġa)*

Inħossni vampa waħda - vampa waħda, Ma! Ma jistax ikun nibqa' sejra hekk!

**NANNA**

Issa nkellmu jien lil Nikola...

**ELEN**

Iva, issa tkellmu! Għamilna żball, Ma! Kont wissejtek jien!

**NANNA**

Ma nerġgħux nibdew, Elen. Qas nissaporti tliet minuti fuq saqajja llum. Oħra bħal dalgħodu u ma nqumx aktar minn das-siġġu.

*MINN BARRA - ĦOSS TA' ĦĠIEĠA TINKISER.*

**NANNA**

X'inhuma jagħmlu?

*(tipprova tqum iżda weħedha ma tiflaħx)*

Elen!

ELEN *tinjoraha. Resqet lejn il-loġġa u qed tittawwal minn wara tarf il-purtiera.*

**NANNA**

*(lura bilqiegħda - tgħatti widnejha)*

X'inhuma jagħmlu imma, Elen - x'inhuma jagħmlu?

**ELEN**

Li jridu. Ma jibżgħu minn ħadd - minn xejn aktar. Sabu l-barmil bil-ġir u qed ibajdu s-serra - ikomplu jwaqqgħu l-ħġieġ imkisser u jbajdu kollox! U jgħaffġu u jxerrdu kullimkien. Minn ħadd u xejn ma jibżgħu aktar, Ma. Xejn u ħadd ma jżommhom aktar issa.

**NANNA**

Sejjaħ lil Nikola, Elen! Sejjaħlu! Issa stess!

**ELEN**

Lil Nikola sejjaħlu int!... Imma int veru ma tifhimx, Ma, jew ma tridx tifhem? Int veru? Sa titilfu lil Samwel, Ma - bħalma tlift lil missieru. U kollu ħtija taʼ Nikola - ħtija tiegħu, Ma!

**NANNA**

Qed tismagħni - sejjaħlu għidtlek, Elen! *(fʼdaqqa waħda maħkuma minn biżaʼ ma jitfissirx)* Elen? Fejn int, Elen!

**ELEN**

Elen, Elen! Hawn għadha Elen, Ma. Minn daqshekk serraħ moħħok - hawn għadha biex teħodlok ħsieb Eżra, Ma. Imma Nikola mhux sa jċedihulek lil Samwel. L-istorja ttenni ruħha.

**NANNA**

Le! Kien wieġħed li ma jindaħalx aktar. Konna ftehemna.

**ELEN**

Imma kiser il-patt - bħalma dejjem kiser kull patt! Keċċih! U keċċi lilha wkoll! Int kont irbaħt, Ma! Samwel ħareġ mis-seminarju - sa jibqa' magħna. Imma mhux biha hawn... Dik iż-żiemel ta' Trojja, Ma. Biha hawn ġew kollox mitluf.

**NANNA**

Kieku rrid neħles minnha miniex sa nsibha daqshekk bi tqila, tibżax.

**ELEN**

U minnu wkoll! Barrani huwa wkoll! Keċċih.

**NANNA**

Kien darba barrani.

**ELEN**

Għadu! Barrani - u għadu!

**NANNA**

Kien l-ikbar ħabib ta' missierek.

**ELEN**

Ħabib! Mhux li Alla jilliberana minn ħbieb bħalu!

**NANNA**

Imma missierek ħafer. Int ma tafx, Elen...

**ELEN**

Ħafer! Ħafer għax kien beżżiegħi - bla sinsla bħalna lkoll. Minħabba n-nies - minħabba lsien

in-nies!

**NANNA**

Ħafer - u Alla ħafer ukoll.

**ELEN**

Jekk din hi maħfra, agħtini s-saħta!

**NANNA**

Batejna u pattejna biżżejjed.

**ELEN**

Ħafer - u safrattant int kont dejjem hemm fuq, waħdek, u huwa hawn isfel - jew hemm barra bis-senter - taparsi jiġri wara l-passa. Ħafer iva - quddiem in-nies - għax hekk kien jeħtieġ. Imma mhux quddiem Alla. Quddiem Alla għadu jixher u jakkużak sal-lum. U ma jieqafx sakemm ma tkeċċihx minn hawn ġew. Keċċih, Ma!

**NANNA**

Imma għandna bżonnu. Meta miet missierek...

**ELEN**

Meta miet missieri! Naf - ma kienx hawn raġel f'did-dar! Għajr Nikola! Imma issa hawn! Ukoll jekk tinsa 'l Samwel - dejjem kien hawn Eżra! Kieku mqar qatt ippruvajt tafdah... Jien naf - biċċa mara jien - ma nežistix - imma tal-anqas kien hemm Eżra.

**NANNA**

Eżra.

*(bla konvinzjoni)*

Tabilħaqq. Stajt fdajt lil Eżra.

**ELEN**

Tajjeb - mela kompli ħalli kollox f'idejn Nikola! Kompli afda fih! Tara kif lil Samwel ukoll jeħodlok. U jkun ħaqqek - ikun ħaqqek! L-ewwel missieru - u issa Samwel. U jkun għarraq familja sħiħa... Imbagħad jistrieħ Nikola.

**NANNA**

Le. Nikola jaf safejn għandu jasal.

**ELEN**

Jaf! Tgħid dejjem kien jaf?

**NANNA**

Petra, imma, Petra ħaġ'oħra. Forsi għamilt żball - ikkalkulajt ħażin... Sa tkunlu t'aktar ħsara milli ġid. Għada ibgħat għal Dun Pawl!

**ELEN**

U għan-nutar ukoll.

**NANNA**

U għan-nutar ukoll, jista' jonqos. Nutari, periti, monsinjuri - kollha l-istess! Imma huma jridu jkunu, għax mingħajrhom m'int xejn. Imbagħad hemm is-Sa Petronja... Imma l-ewwel inkellimha jien, tibżax. Aħna nies tal-affari tagħna wara kollox. Tgħid li trid is-Sa Petronja - aħna nies tal-affari tagħna!

**ELEN**

Tgħid li trid. U xi tridha tgħid is-Sa Petronja, Ma? Dak li dejjem qalet - dak li jgħid kulħadd. Int - int ma tafx, Ma. Jien naf in-nies - jien li jkolli ninżel fosthom... Għaliex taħseb li x-xirja dejjem hekk miżera? Għaliex il-frott dejjem imħassar, il-ħaxix niexef, il-laħam imqadded -

qatt ħobża friska? Nipprova kieku dejjem immur meta ma jkunx hemm nies - meta jwarrbu. Għax ukoll narahom biss ikessħuli demmi - miġbura madwar tal-ħaxix, jimbuttaw, itaqtqu u jqabbżu, qishom dud iserrpu madwar wirdiena mejta - u lsienhom itaqtaq, għajnejhom joqtlu, u jgħajtu u jimbuttaw... Meta sa fl-aħħar insib il-kuraġġ nersaq, ikolli nitqanna b'li nsib - bil-fdal li jħalluli. Imma l-agħar hija dik is-sikta li taqa' - dik is-sikta trid tisma', Ma - is-sikta li taqa' malli nersaq jien, demmi kiesaħ, imnifsejja fgati... X'taħseb li jistgħu jgħidu agħar mis-skiet tosku li ngħum fih kuljum hemm isfel? Mela ħalliha tgħid lis-Sa Petronja, Ma - ħalliha tgħid li trid. Xejn ma jista' jkun agħar. U keċċiha lil Petra. Tal-anqas lilha! Keċċiha, Ma.

IN-NANNA *matul dan id-diskors ittella' jdejha ma' ħaddejha, iċċaqlaq rasha minn naħa għal oħra, donnha ma tridx tisma', jew trid tbarri dak li qed tisma'.*

*Pawsa twila hekk kif* ELEN *tiskot* - IN-NANNA *tgedwed weħedha, kliemha bilkemm jiftiehem, għajr forsi...*

**NANNA**

...Nies tal-affari tagħna. Tal-affari tagħna!

**ELEN**

Keċċiha... X'int tgħid, Ma? Smajt x'għidt?

**NANNA**

Qed tisma', Elen?

**ELEN**

Ma smajtnix, Ma. Ma smajt xejn.

**NANNA**

Ismagħhom, hemm barra. Ġejjin - ismagħhom.

Sejħilhom, Elen.

*L-ILĦNA FIL-ĠNIEN - DONNHOM TA' SAMWEL U PETRA.*

**ELEN**

Lil min, Ma? Erġajt ma tiflaħx, għid? Ħadtha l-pinnola?

**NANNA**

Sylvie! U Philip. Ismagħhom! Kemm damu barra... U dik it-tarbija ħallewha u nsewha. Sejħilhom, Elen.

**ELEN**

Ejja, Ma. Erġajt ma ħadthiex. Erġajt! Ejja. Issa nagħmel ftit misħun. Dawk mhux huma...

**NANNA**

Ismagħhom imma!

**ELEN**

Dak Samwel. U Petra, Ma!

**NANNA**

Petra? Min huma, Elen?

**ELEN**

*(tittawwal)*

It-tfal, Ma.

**70. BARRA. FIL-ĠNIEN - BINHAR.**

SAMWEL *u* PETRA *jiġru wara xulxin qalb is-sigar tal-lariġ;* SAMWEL *bil-pinzell tat-tibjid f'idejh, ibill fil-barmil bil-ġir f'idejn* PETRA *u jċallas żebgħa ma' kullimkien, siġar, ġebel, il-bir eċċ.*

PETRA *ddeffes idha ġewwa l-barmil, tbexxex u xxerred il-ġir fuqha u fuq* SAMWEL.

NIKOLA *jħares mill-bogħod, moħbi wara s-serra mġarrfa.*

**NANNA (O.S.)**

Fejn marru? X'inhuma jagħmlu, Elen?

**71. BARRA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

**ELEN**

*(tittawwal mil-loġġa)*

Iħirsa bojod. Jiġru - iduru u jiżfnu - Qishom għandhom ferħ ta' ġenn...

**NANNA**

Nikola - sejjaħ 'il Nikola!... Iwaqqafhom hu! Mur għidlu, Elen!

**ELEN**

Hemm qiegħed, tibżax, Ma. Diġà qiegħed hemm - jara kollox. Iżda ma jerfax saba' li hu saba'! Imma la hemm Nikola magħhom tista' sserraħ moħħok, Ma! Serraħ moħħok mela!

*IKOMPLI L-GĦAJJAT MINN BARRA GĦAL XI WAQTIET.*

*SPARATURI TA' SENTER FIL-QRIB SEW.*

*L-GĦAGĦA TIEQAF SOPTU.*

**NANNA**

Reġgħu daħlulna, Elen! Reġgħu daħlu. U mbagħad ikollhom il-wiċċ iġibuhom lil Eżra biex jibbalzmahomlhom! Qatt imma, Elen - qatt aktar, qed tifhem!... — X'ġara? Għala dis-sikta?

**ELEN**

Waqfu. Sejħilhom Nikola. Deħlin fis-serra. Għall-qsari, Ma.

**NANNA**
*(tiftakar)*

Il-qsari...

**ELEN**

Iva, sa jgħinuh joħroġ il-qsari - dawk li s-Sa Petronja riedet għall-fiera nhar il-Ħadd. Qed tiftakar, Ma?

**NANNA**

Iva - u l-fjuri wkoll. Jeħtieġ jaqtaʼ ftit fjuri wkoll. Għidtlu għall-fjuri, hux Elen?

**ELEN**
*(iċċedi - timbotta s-siġġu tar-roti)*

Għidtlu - il-fjuri wkoll, iva. Il-fjuri wkoll. Tinkwetax aktar. M'hemm xejn aktar x'tinkwieta. Ejja ħu l-pinnoli.

**NANNA**

Imma Eżra qatt aktar! Qatt aktar!

*Joħorġu. Ħemda għal xi waqtiet.*

*Barra, inżul ix-xemx dehbien jidher ħuġġieġa minn bejn it-truf tal-purtieri tal-loġġa.*

**72. BARRA. IS-SERRA MĠARRFA - BINHAR.**

*Jidħol* SAMWEL *b'żewġt iqsari mxellfin u maħmuġin f'idejh; ħwejġu, wiċċu u dirgħajh mimlijin ġir.*

NIKOLA *jqalleb fost ħafna tifrik u fdalijiet taʼ qsari kbar talfuħħar mimlijin għabra u terrapien.*

**SAMWEL**

...Mostru sar hawn ġew. Xejn għajr terrapien, ħurrieq u ħġieġ imkisser.

**NIKOLA**

Hi kissret li kien baqa', għidilha s-Sa Petronja jekk tgħid xi ħaġa. Dak kulma baqa' u daqshekk.

**SAMWEL**

*(jimsaħ il-ġir minn wiċċu u jdejh fit-T shirt)*

Veru, imma kont ilek int ma ssewwi xi ħaġa wkoll...

**NIKOLA**

Tibdilix int, issa. Lilek jonqosni. U narak int lilek tħarrek il-warrani - narak issewwi u taħdem! Arak kif sirt! Int tħarrek kieku iva imma... Iii! Ara, tibdilix, tibdilix!

**SAMWEL**

U iva, forsi xi ftit ħtija tiegħi wkoll. Biss meta niftakar kif kienet dis-serra meta kont żgħir - qisha palazz tal-ħġieġ sa jixpakka bil-fjuri u l-frott... U dawk l-għasafar kullimkien. U l-guva - tiftakarha dik il-guva enormi mimlija għasafar barra l-loġġa?

**NIKOLA**

Fejn naf... X'int tgħid?

**SAMWEL**

Il-guva! U issa gozz wajer imsaddad u injam għall-ħruq!

**NIKOLA**

Għidtilkom, tersqux 'l hemm. X'baqgħet tagħmel hemm barra ħafja dik?

**SAMWEL**

*(ħarstu lejn il-ġnien)*

Tal-għaġeb il-ġmiel li kien hawn.

**NIKOLA**

Kieku... Darba, meta kien għadu hawn missierek, darba kien għad hemm ċans issalva xi ħaġa kieku. Li kieku seta' jagħmel hu...

**SAMWEL**

Imma ma ħallewhx hux hekk, Nikola? Lanqas lilu - ma ħallewhx. U int ma ħallejtux, lanqas.

**NIKOLA**

Missierek... Missierek kien twajjeb wisq. Twajjeb wisq għalihom. L-aħħar ħaġa tajba li rat did-dar forsi.

**SAMWEL**

Dawk il-kotba - dawk li n-Nanna tgħid kienu taz-ziju reverendu, dawk ta' missieri kienu, hux tassew?

**NIKOLA**

Ħafna minnhom...

*(jieqaf)*

Imma ara - daqshekk. Ma' nanntek għamilt patt jien. Mur ġib li baqa'...

**SAMWEL**

Patt u mhux patt, naf xorta waħda. Il-kitba tiegħu fuqhom sirt nagħrafha. Missieri kien għal qassis, hux hekk? Irrid ngħid, għal qassis tassew, mhux bħali...

**NIKOLA**

X'jiġifieri, mhux bħalek? Għaliex - x'int int? X'taħseb li int anqas int? Ifhimni, Samwel - ifhimni - xi ħadd Hemm Fuq ifassallek pjan - jagħtik sinjal u juri triq li jittama li jsib min jimxi matulha, imma ħaddieħor - ħaddieħor!...

**SAMWEL**

...Ħaddieħor li jaħseb li jifhem aktar minnu jaf iġiegħlek tibdel direzzjoni?...

**NIKOLA**

Alla jitħallas.

**SAMWEL**

Niftakar l-ewwel darba meta int urejtni l-artal li kien jilgħab bih missieri. X'ġenn taha n-Nanna! Qabdet kollox u riedet tarmihom. Ħallietni nżomm biss il-gandlieri. *(jidħaq)* ...Basta ndewwibhom u nagħmel suldati taċ-ċomb bihom! U mbagħad int - int fil-Milied meta kont nagħmel xi kaċċatur ħdejn il-grotta jispara fuq il-gamiem u l-anġli, arak taqbeż fuqi int imbagħad!

**NIKOLA**

U tidħaq issa int... Kif għadek tista' tidħaq? Ifhem - ifhem sew, Samwel. Minn din il-familja Hu talab iben - u ċaħduhulu! Imma żmien il-ħlas mhux bogħod.

**SAMWEL**

Ma nafux dan alla aħrax tiegħek.

NIKOLA *jersaq lejn il-bieb tas-serra.* SAMWEL *warajh.*

**NIKOLA**

Alla t'Abram; Alla ġust, mhux aħrax. Dak li l-bniedem jiċħadlu Hu jaf jieħdu waħdu - għax dejjem kien tiegħu. Ħares madwarek u ifhem issaħta li waqgħet.

**73. BARRA. IL-ĠONNA TAD-DEPAWLI - BINHAR.**

SAMWEL *u* NIKOLA *barra serra mġarrfa.*

*Il-ġonna mitluqa u mħarrbta, is-sigar mimlija ġir u nexfin, il-ħaxix ħażin, għollieq u ġebel ma' kullimkien.*

*XITLA TAL-LARINĠ f'kundizzjoni tajba riesqa lejhom f'qasrija:*

PETRA *tfaċċat minn wara s-serra - f'idha x-xitla fil-qasrija.*

**PETRA**

*(tgħolli x-xitla 'l fuq bi kburija - sarkastika)*

Iva - imma ħares madwarek sew! Ara - dan ukoll jien lest nagħtik! Sinn il-minġell għax żmien il-ħsad mhux bogħod!

**SAMWEL**

X'inhi dik?

**PETRA**

Iben ħali! Lanqas xitla tal-larinġ ma tagħraf? U bħalha hemm kemm trid hemm wara! Dawk kemm tożborhom u tista'...

**NIKOLA**

Sirt tifhem issa int?

**PETRA**

Xi ftit! Għandek uħud diġà mlaqqmin - it-tilqima mqabbda sew ukoll. Kemm tożborhom.

NIKOLA *jtihom dahru u jaqbad il-mogħdija lejn id-dar.*

**NIKOLA**

Għeruq nexfin imma - u nofshom imkissra wkoll.

PETRA *ssegwih.* SAMWEL *jimxi warajha.*

**PETRA**

Nistgħu nqaċċtu minn fejn hemm il-ħsara 'l isfel. U nxettluhom fejn il-kanċell, ħdejn l-oħrajn.

**NIKOLA**

*(kemm itiha ħarsa lura, imma jibqa' miexi)*

Biex tara kemm tifhem. Tagħmel l-istess żball. Kenn irid fix-xitwa ċ-ċitru. U fis-sajf - fis-sajf trid taħsiblu għal-lupa. X'kenn hemm hemm?

*Jerġa' jaqbad it-triq lejn id-dar.*

**73A. BARRA. FIL-ĠNIEN ĦDEJN IL-LOĠĠA - BINHAR.**

NIKOLA *wasal ħdejn it-taraġ tal-loġġa.* SAMWEL *u* PETRA *jilħqu miegħu.*

**PETRA**

Għalhekk qed nistaqsi lilek. Xi mkien insibulhom - ġnien bħal dan!

**SAMWEL**

Xi tgħid, Nikola? Ma taħsibx li jieħdu?

**NIKOLA**

Jieħdu?... Morru. Agħmlu li tridu. Jien żmieni għamiltu - m'għandkomx bżonni aktar hawn barra - dawk l-erba' tomniet li baqa'. Għalfejn?

**PETRA**

Biex ma tħallix l-għollieq jirbaħ kollox! Għalhekk.

**NIKOLA**

Lili ma jirbaħli xejn - qatt ma kienet tiegħi dik l-art... Hemm miktub: l-art ma tinbiegħx għal dejjem, għax Tiegħi l-art u intom Tiegħi. Qiskom l-għorba jew qegħdin Miegħi.

**PETRA**

Prosit! Tajjeb - imma safrattant nistgħu nieħdu ftit ħsiebha - tagħna jew mhix!

**SAMWEL**

U ejja, Nikola! Naqilgħuh aħna l-ħaxix ħażin - kollu kemm hu! U wkoll dan il-ġebel u ħġieġ imkisser inneħħulek.

**PETRA**

Ix-xtieli ħallihom għalija. U rrid niżraʼ u nħawwel il-fjuri wkoll. Irrid nara ward, irrid gladjoli!...

**NIKOLA**

Ġiżimin - dejjem xtaqt il-ġiżimin.

**PETRA**

Ġiżimin ukoll - għaliex le! Meta kienet l-aħħar darba li rajt fjuri bħal dawk hawn barra, Nikola?

**NIKOLA**

Ma niftakarx. Le - nigdeb - niftakar... *(imma jieqaf)*

**PETRA**

Għinna, Nikola. Xi darba lkoll niġu bżonn xulxin

**SAMWEL**

Ejja, Nikola. Int kollox taf fuq pjanti u xtieli...

**NIKOLA**

Kont naf.

**SAMWEL**

Taf! Aħna nkunu d-dirgħajn - kun int il-moħħ.

**NIKOLA**

Il-moħħ?... Jien ma naħsibx li qatt imxejt wisq

b'li jgħidli l-moħħ. Kieku mxejt b'li jgħidli moħħi... *(ixengel rasu)* Kieku, min jaf.

**PETRA**

*(tibred f'daqqa - titlaq il-pjanta fl-art)*

Għaliex le? X'jgħidlek moħħok issa, pereżempju?

**NIKOLA**

Il-verità. Jgħidli li malajr tinsew intom.

**SAMWEL**

X'ninsew?

**NIKOLA**

In-Nanna pereżempju...

**SAMWEL**

X'jiġifieri?

*Imma* NIKOLA *ma jweġibx u jmur lejn il-bieb tal-loġġa. Jieqaf għal waqt wieħed jagħti ħarsa lejn il-bandla fejn hemm it-trabokk. Ixengel rasu ddiżgustat u jidħol fil-loġġa*

SAMWEL *iħares lejn* PETRA*, li tagħtih daharha.* SAMWEL *idur u jidħol wara* NIKOLA.

PETRA *tkun se ddur biex tidħol warajhom meta donna xi ħaġa fuq il-bandla (fejn hemm it-trabokk) tiġbidlha ħarsitha. Tersaq qrib.*

## 74. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.

NIKOLA *wieqaf issummat bil-qsari f'idejh, iħares lejn il-ħerba ta' qsari mkissrin u xtieli mgħaffġa li hemm fl-art.*

SAMWEL *wieqaf fil-bieb, iħares lejh.*

NIKOLA *jniżżel il-qsari fl-art bil-mod u jinżel għarkupptejh ħdejn il-ħerba taħt saqajh.*

**NIKOLA**

*(bla ma jgħolli rasu)*

Jiġifieri, hi ma tkunx trid. Kien ikun sabiħ hemm barra kieku, jiġifieri, iva. Imma Elen tmur tgħidilha x'qed tagħmlu u ma tħallikomx. Għaliex il-veru u s-sabiħ hawn ġew m'hawnx loku. Ukoll jekk tmorru tistaqsuha intom stess, le sa tgħid. Ukoll kieku jien stess irrid ngħinkom, ma nistax.

PETRA *titfaċċa fil-bieb ħdejn* SAMWEL*, iżżomm it-trabokk wara daharha.*

**PETRA**

*(bla rabja)*

Jiġifieri ma tridx.

**NIKOLA**

Le. Jiġifieri l-art hija misħuta... *(jieqaf)*

**SAMWEL**

Kompli, tibżax, Nikola. Ridt tgħid, l-art hija misħuta... u ż-żerriegħa wkoll. Dak li jiġifieri, hux hekk, Nikola?

**PETRA**

Iż-żerriegħa wkoll... U l-innoċenti wkoll, mela... L-innoċenti jħallsu wkoll, hux hekk Nikola? Fil-pjan kbir tiegħek tal-ħolqien, li l-innoċenti jħallsu hu maħsub ukoll, hux hekk?

**NIKOLA**

Innoċenti? M'għadx hemm innoċenti u ħatja, binti. Int aktar minn ħaddieħor imissek taf.

Kulħadd hu ħati.

**PETRA**

Kulħadd? Hekk taħseb?

*(tidħol aktar 'il ġewwa - turi t-trabokk li daħħlet magħha)*

Dan ukoll mela? - Kellek raġun, Samwel. Kien hemm pitirross hemm barra. Dak pitirross kien, hux hekk Nikola?

**SAMWEL**

Ħa nara! Qbadna wieħed?

**PETRA**

Qbadnieh... Jew inqabad. Arah - taħt il-molla.

**SAMWEL**

Ħa nara - fejn? Dak... dak il-gozz rix mgħaffeġ... Imma dak mejjet!

**PETRA**

Naf. Nikola jaf ukoll. Imma Nikola jgħidilna li m'għadx baqa' innoċenti lanqas.

**NIKOLA**

Ħatja biss.

**SAMWEL**

*(wiċċu eqreb lejn it-trabokk)*

Ħares, Petra!...

**PETRA**

Min ħati?

**NIKOLA**

Jien - li ħallejtkom issibu dak it-trabokk. U intom li użajtuh.

**SAMWEL**

...Ħarsu! Qed jiċċaqlaq! Għadu mhux mejjet!...

**PETRA**

Le. Mejjet...

*(tersaq eqreb lejn it-trabokk - tinstaram)*

Mejjet kien, Samwel...

**NIKOLA**

*(jersaq)*

Għadu jiċċaqlaq - jitkagħweġ.

**PETRA**

Kien mejjet! Ħsibtu kien mejjet.

**NIKOLA**

Jew xtaqtu jkun mejjet.

**PETRA**

Le!

**NIKOLA**

Jew għax mejjet aħjar milli magħluq ġo xi gabjetta - tifkira tal-ħtija tiegħek.

**SAMWEL**

Ħallikom mill-paroli! X'se nagħmlu bih issa?

**PETRA**

Forsi veru imma - aħjar mejjet.

**SAMWEL**

Żomm, ħa.

*(jagħtiha żżomm it-trabokk waqt li jipprova jeħles l-għasfur minn taħt il-molla)*

Għadu ħaj kieku... X'se nagħmlu?

**PETRA**

Ġib - ħa nara.

*Imma* SAMWEL *jidher f'daqqa waħda bħal donnu jitriegħex u jogħtor. Isir abjad lellux u jintelaq bilqiegħda fuq tarġa tal-loġġa.*

**SAMWEL**

*(iħares lejn idu mċappsa)*

Id-demm...

**NIKOLA**

*(iħares fiss lejh - imbagħad)*

Neħħih minn idejk, Samwel.

*Jersaq biex jieħu l-għasfur, iżda* PETRA *tilħaq qablu.*

**PETRA**

Ħalli! - Ġib, Samwel. Tihuli.

**SAMWEL**

X'se nagħmlu bih?

**PETRA**

Issa naraw. Mur. Mur int. Ġib ftit ilma mill-ġiebja.

**SAMWEL**

*(jipprova jqum)*

Ilma? Għalfejn?

**PETRA**

Mur aħsel idejk! U xappap wiċċek! Ejja!

PETRA *toħroġ bl-għasfur mill-bieb tal-loġġa.*

**SAMWEL**

*(iqum)*

M'għandi xejn.

**PETRA (O.S.)**

Mur għidtlek!

*Minkejja l-isturdament,* SAMWEL *jirnexxilu jasal sal-bieb. Jieqaf iserraħ mal-koxxa tal-bieb.*

**75. BARRA. IL-ĠNIEN, FIL-LOĠĠA - BINHAR.**

PETRA *għarkupptejha tqiegħed l-għasfur ġo qasrija.*

T*qum, tiġbor ġebla mdaqqsa mill-ħamrija u ddur lura fuq il-qasrija bl-għasfur.*

**SAMWEL**
*(ġej lura mill-bir)*

X'se tagħmel?

**PETRA**
*(tgħolli idha)*

Mur fejn kont sejjer int!

**SAMWEL**
*(jifhem - jersaq fuq PETRA)*

Petra, le!

**PETRA**

Jeħtieġ, Samwel.

**NIKOLA**
*(bilqiegħda fuq il-bandla)*

Avolja innoċenti?

**PETRA**

Xi ħadd jeħtieġ! M'intix tarah muġugħ? Tridu jibqa' hekk, għadmu mfarrak - muġugħ?

**SAMWEL**

Sa tgħaffġu? Għandek il-ħila?

**PETRA**

*(tqum u ttih il-ġebla)*

Jekk taf xi mod ieħor, agħmel int - jekk int kapaċi! Taħseb gost tiegħi? Agħmel int, ħa!

SAMWEL *isib il-ġebla f'idejh. Jagħmel l-almu, u jinżel għarkupptejh ħdejn l-għasfur. Imma jieqaf, indeċiż.*

PETRA *f'daqqa waħda tħares inkwetata lejn il-bieb tal-loġġa)*

**PETRA**

Issa, Samwel!...

SAMWEL *jerfa' l-ġebla. Imma jerġa' jieqaf.*

**PETRA**

...Toqgħodx taħsibha. - Ġib 'l hawn!

PETRA *tinxteħet għarkupptejha ħdejh u tipprova tieħu l-ġebla lura. Iżda* SAMWEL *ma jħallihiex u jerġa' jerfagħha; għal xi waqtiet donnhom it-tnejn għandhom il-ġebla f'idejhom - it-tnejn lesti biex iniżżluha fuq l-għasfur flimkien u t-tnejn indeċiżi.*

ELEN *jitfaċċa fil-bieb tal-loġġa.*

**NANNA (O.S.)**

Petra - Samwel! X'intom tagħmlu!

**PETRA**

Issa, Samwel! Issa!

**NANNA (O.S.)**

Neħħi dik il-ġebla minn idek, Samwel! X'int tagħmel?

**SAMWEL**

*(idu donnha bbieset)*

Ma nistax, Petra! Ma nistax!

**ELEN**

*(resqet)*

Dak għasfur? X'intom tagħmlu, Samwel?

PETRA *tibqa' hi bil-ġebla f'idejha waqt li* SAMWEL *iniżżel idu.*

**PETRA**

Xejn. Kien qed imut.

*(titlaq il-ġebla)*

Inqabad taħt il-molla tat-trabokk. Kien muġugħ... qed imut bil-mod. Aħjar mejjet milli hekk.

**ELEN**

U kont sa tgħaffġu b'dik il-ġebla?

**PETRA**

Iva.

IN-NANNA *fil-bieb tal-loġġa.*

**NANNA**

Int x'int? X'mostru int int?

**SAMWEL**

Le! Mhux tort tagħha! Jien ridt noqtlu...

**NANNA**

Iskot int! Għandi għajnejn biex nara jien! *(lil* PETRA*)* Dan kollu minnek ġej!

**SAMWEL**

Mhu ġej minnha xejn! Jien ridt noqtlu wkoll!

*(jerġa' jaħtaf il-ġebla f'idu)*

Hekk - ngħolliha hekk u nniżżilha b'kemm għandi saħħa u ħila - bla ħniena! *(kważi isteriku)* Ngħaffġu u nħallih ponn rix u demm... Hekk!

**NANNA**

Le, Samwel! Itlaq dik il-ġebla!

SAMWEL *jieqaf - idu fl-arja.*

**NANNA**

Neħħiha minn idek!

**PETRA**

*(iżżommlu idu)*

Le, Samwel.

*(iddaħħal l-id l-oħra fil-qasrija fejn hemm l-għasfur)*

Le.

**SAMWEL**

Għaliex le, Petra, imma? Mhux hekk ridt...?

**NANNA**

Neħħiha!

PETRA *toħroġ l-għasfur mill-qasrija - ponn rix marsusin f'idha.*

*Tqum bilwieqfa.*

**PETRA**

Issa... m'hemmx aktar għalfejn.

SAMWEL *iqum bilwieqfa, jixxengel sturdut.*

**NANNA**

Samwel!

**SAMWEL**

M'hemmx għalfejn?...

*Iħares lejn id* PETRA*, bil-mod il-mod iniżżel il-ġebla.*

**NANNA**

Missek smajt minni mill-ewwel, Samwel!

**SAMWEL**

Smajt, imma mhux minnek...

**NIKOLA**

Samwel...

**SAMWEL**

Smajt - imma mhux minnkom!

*Donnu jrid iħebb għal xi ħadd ma jafx min;* PETRA *żżommu.*

**ELEN**

*(tħares lejn idejn PETRA)*

Idejk bid-demm... Qtiltu. Għaffiġtu b'idek! Int qtiltu...

PETRA *tpoġġi l-għasfur lura fil-qasrija. Tħares lejn idha.*

**PETRA**

Jien. Għax jien ma nibżax inċappas idi bid-demm, lanqas.

**ELEN**

Int qtiltu!

**PETRA**

...X'taf int Elen, fuq ħajja jew mewt, int li qatt ma trid iċċappas idejk?

**ELEN**

Minnek! Kollox minnek ġej!

**PETRA**

Minni. Għax minnek li qatt ma jista' jiġi xejn...

ELEN *tagħtiha daqqa ta' ħarta.*

*Pawsa qasira - infiniteżimali...*

PETRA*, bla qilla, imma soda, tagħtiha daqqa ta' ħarta lura.*

**NANNA**

Elen!...

*(lil* PETRA*))*

Iva, minnek! Minnek!

**ELEN**

*(minkejja d-daqqa kważi kuntenta)*

Kont għidtlek jien, Ma! Sewwa kienu qalulna fuqha! Kont għidtlek!

**SAMWEL**

X'għidt? X'qalu?

**NANNA**

Dak nafu jien! U messu kien jafu Nikola wkoll, qabel daħħalha hawn ġew. *(lil* PETRA*)* Idħol ġewwa, int! Itla' fuq! Issa stess!

PETRA *tidħol ġewwa l-loġġa.*

ELEN *iddur għal warajha imma tieqaf fil-bieb tħares lejn* NIKOLA *fuq il-bandla.*

**NANNA**

*(Lil* NIKOLA*)*

Int tajthulhom dak it-trabokk, hux hekk? Neħħih minn hemm. Ma rridx narah aktar b'għajnejja! ...QUM MINN HEMM!

**NIKOLA**

*(iqum)*

Kif tixtieq... Sinjura.

**NANNA**

U mur neħħi dawk il-ħmieġ taʾ qsari wkoll! Barra!

*Bil-mod, bla għaġla,* NIKOLA *joħroġ fit-terrazzin.*

*Wiċċ* ELEN, *ferħ stampat fuq wiċċha.*

**ELEN**

*(taħt l-ilsien)*

Barra!

## 76. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.

*L-għasfur mgħaffeġ fil-qasrija: il-qasrija fʾidejn* ELEN.

IN-NANNA *daħlet mil-loġġa.* ELEN *passejn warajha; il-qasrija fʾidejha.* SAMWEL *fil-bieb tal-loġġa, iħares lejn* PETRA *li issa miexja lejn l-arkata taʾ ġewwa li tagħti għall-kurutur.*

NIKOLA *jinżel jiġbor il-qsari u x-xtieli mkissrin fit-taraġ tal-loġġa.*

**ELEN**

Barra! Issa - issa teħles minnha, Ma - issa?

**NANNA**

Issa li rajt bʾgħajnejja...

**SAMWEL**

Xʾrajt? Qed ngħidlek mhux ħtija tagħha, Nann!

**NANNA**

Forsi. Forsi le, mhux ħtija tagħha, veru. Wara kollox, xʾnafu aħna fuq il-familja tagħha? Min kienu niesha - l-ambjent li ġiet minn.

PETRA *tieqaf soptu taħt l-arkata.*

**IN-NANNA**

Min jaf?...

**SAMWEL**

Le, Nann! Ieqaf!

**NANNA**

...Għaliex, le? Qed naqbel miegħek wara kollox? Tort tagħha l-ambjent li ġiet minnu? Taf hi stess min kienu niesha?

**SAMWEL**

Biżżejjed, Nann!

**NANNA**

Għidlu, Petra. Għidlu int - taf min kienu?

PETRA *ddur lejhom.*

**SAMWEL**

Nann!

**PETRA**

Samwel!... Għandha raġun hi.

**SAMWEL**

X'raġun?

**PETRA**

*(tidħol lura)*

Għandha raġun.

*(lin-*NANNA*)*

Le, Sinjura, niesi ma nafx min kienu. Għalhekk ngħix ma' nies li ma nafhomx. F'ambjent bħal dan.

**NANNA**

Ippruvajt jien wara kollox ma nagħtix widen ilsien in-nies. Ippruvajt ma nemminx... Imma kif ma nemminx dak li jaraw għajnejja?

**SAMWEL**

Imma x'raw għajnejk?

*(jaħtaf l-għasfur mill-qasrija f'idejn ELEN)*

Dan? Gozz demm u ...demm u msaren u rix mgħaffeġ? Dak li rajt?

**ELEN**

Jekk trid ngħid jien x'rajt b'għajnejja, Ma!

**NANNA**

M'hemm bżonn ħadd jgħidli xejn aktar! Xejn aktar!... Għidtlek itlaʼ fuq int, Petra. Wara nitkellmu.

**SAMWEL**

*(jitqażżeż l-għasfur mgħaffeġ, jerġaʼ jitilqu)*

Le, stenna Petra.

*(jidher sa jtih sturdament)*

*Imma* PETRA *diġà daret u bdiet miexja lejn it-taraġ.*

**NANNA**

Int però, Samwel, int m'għandekx l-iskuża tagħha. Wara li rabbejniek bl-akbar għożża, għaliex?...

**SAMWEL**

Għożża!...

*(iżda jieqaf ħesrem -*
*jintlewa tnejn, iżomm l-istonku)*

Petra!..

PETRA *ddur, tinduna li sa jħossu ħażin u tagħmel biex terġa' lura.*

**NANNA**

Mur int!... Itla' fuq!

**SAMWEL**

Petra!...

SAMWEL*, ma jiflaħx aktar - mgħawweġ tnejn joħroġ jigri 'l barra mil-loġġa.*

ELEN *tkun sa toħroġ warajh, iżda fil-bieb tal-loġġa jitfaċċa lura* NIKOLA.

**NIKOLA**

L-istonku tad-Depawli rtab bil-bosta maż-żmien qed nara.

**ELEN**

Mhux kulħadd għandu stonku u qalb xierfa, Sur Nikola!

**NIKOLA**

Ħallih - m'għandux bżonnok. M'għandu xejn.

**NANNA**

X'għandu bżonn narawh aħna! Neħħi dawk il-qsari kollha minn hemm għidtlek!

## 77. BARRA. FIL-ĠNIEN. ĦDEJN IL-BIR. BINHAR.

*Minn fejn hemm* EŻRA*, mill-għoli tal-kamra fuq it-turretta:*

SAMWEL *mitluq fuq il-ħerża tal-bir, wiċċu mgħaddas 'l isfel, jaqla' l-istonku għal ġol-bir.*

**78. ĠEWWA. KURUTUR. IL-BIEB TAL-KAMRA TA' PETRA.**

PETRA*, minn wara, dieħla f'kamritha.*

*Il-bieb jinstabat warajha.*

**79. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-LOĠĠA.**

*L-EKU TA' BIEB JINSTABAT.*

**ELEN**

L-aħħar tisbita imma!

**NIKOLA**

*(jaqbad qasrija nofsha mkissra)*

X'tgħidilha issa lis-Sa Petronja la tiġi għall-qsari u l-fjuri?

**ELEN**

Mhux sa jkun hemm bżonn ta' qsari u fjuri! Għidlu, Ma!

**NIKOLA**

X'tgħidli? Għaliex - hemm xi ħaġa x'tgħidli?

IN-NANNA *tpoġġi - l-effett tal-battikata jaħkimha f'daqqa.*

**NANNA**

Mur, Elen - mur ara x'għandu.

**NIKOLA**

Iva - mur, Elen, mur ara ftit...

**ELEN**

Ma!...

**NIKOLA**

Jew forsi tippreferi tibqa' hawn - tisma' x'għandha tgħidli?

SAMWEL *jitfaċċa lura fil-bieb tal-loġġa. Xarrab wiċċu u jidher qed jistejqer.*

**SAMWEL**

Petra - fejn hi Petra?

**NANNA**

Fejn suppost qiegħda. F'kamritha. Poġġi bilqiegħda, Samwel.

SAMWEL *ipoġġi fuq tarġa għal waqt wieħed - aktar għax ma jiflaħx, milli għax jobdi.*

**SAMWEL**

Għaliex għamiltulha hekk? X'għamlet ħażin? Għaliex tobogħduha? Lanqas biss tafuha u tobogħduha daqshekk?

**NIKOLA**

Għax int tafha, hux hekk?

**SAMWEL**

Nafha iva!...

**NANNA**

Biżżejjed! Għaliex qed tagħmel hekk, Samwel? Kont bdejt tant tajjeb meta ġejt lura. Imbagħad ġiet hawn dik...

**SAMWEL**

Dik!... Għandha isem - dik!

**NANNA**

Wara dak kollu li għamilna miegħek, Samwel!... Ma jmissekx!... Ma jmissekx! Int imissek tgħin hawn ġew issa - m'għadekx tifel! Int ir-raġel ta' din id-dar issa!

**SAMWEL**

*(pront bilwieqfa)*

Raġel! U intom dak biss li tridu, hux hekk? Dak li dejjem ridtu... *(Lin-*NANNA *u* ELEN*)* ...intom it-tnejn - raġel ġo din id-dar! Depawli ieħor; ma jimpurtax hux twil jew qasir - ikrah jew sabiħ - ħażin jew tajjeb - basta Depawli! Għalhekk ma ħfirtulu qatt lil missieri.

**NANNA**

Missierek... Missierek qatt ma kien jaf xi jrid - egoist, ħarab ir-responsabbiltà!

**SAMWEL**

Min jaf x'ħarab? Il-ħasra li ħalla lili warajh.

**NANNA**

Kellu dmir...

**SAMWEL**

U dmiru qdieh! Takom tifel, le? X'ridtu aktar - x'tort tridu tibqgħu ttuh? Jien iva imma, jien intih tort - tort li ġabni f'dinja li ma kienx jemmen fiha - għall-glorja u l-fama tal-familja - id-dinastija Depawli!... Grazzi ħafna, għeżież Depawli, imma kont aktar nibqa' nafhulkom kieku għażiltu li twettqu hara kiri jew tagħmlu full-stop xi ġenerazzjoni jew tnejn ilu. Grazzi ħafna - imma għalija Depawli setgħet kienet it-tikketta tal-pett taż-żarbun tiegħi!

**NANNA**

Iskot!... Int - int ma tafx għajr kif tkażbar. Int - int iben missierek!

**SAMWEL**

Grazzi ħafna - imma dak mhux tort tiegħi!

**NANNA**

Egoista. Ġifa! Ir-responsabbiltà...

**SAMWEL**

Ma nafx x'inhi? - Misskom għallimtuhieli - bl-eżempju! Il-gratitudni? Lanqas ma naf! Il-ħlas li titolbu hu għali wisq. Intom mhux ismi biss tridu hawn ġew - tridu ruħi wkoll!... Intom - intom ilkoll, int u dik... (ELEN) - u dak - *(idur, ifittex lil* NIKOLA*)* - dak ukoll!

**ELEN**

Le - mhux dak ukoll - imma dak biss! Hu l-ħtija ta'...

**NANNA**

Ħallik minn dak! Ma tarax li dan kulma kien qed jistenna dak - mindu daħħal lil dik hawn ġew?

**ELEN**

U kont għidtlek jien! Il-barranin, Ma - il-barranin li int ħallejt jidħlu hawn ġew!... Imma issa jeħtieġ imorru, Ma! Ilkoll kemm huma - illum qabel għada!

**NIKOLA**

Imma llum - illum jeħtieġ li l-ewwel inneħħi dal-qsari, le? U dawk l-imkissrin hemm barra wkoll. U min sa jnaddaf hemm barra - dak il-ġir li xerrdu dawk?... Dak xi ħadd irid ineħħih ukoll.

**ELEN**

Jieħu ħsieb Samwel. Kapaċi, tibżax, kieku jrid.

**NIKOLA**

Ah, kieku jrid - u kieku ma jiddardarx. Imma

jrid joqgħod attent li ma jmurx forsi jaqta' jdejh. Taf kemm għandhom l-istonku artab id-Depawli!...

**SAMWEL**

U ma ninsewx kemm jien egoist lanqas! U ġifa!... Imma lili ħalluni barra mill-ġlied tagħkom. Tqisunix aktar lili, qed tifhmu? Iżżeffnunix aktar fin-nofs lili! Qatt aktar!

*Joħroġ jiġri mid-daħla tax-xellug.*

**NANNA**

Samwel, ejja 'l hawn! Fejn sejjer? Samwel!... Elen, mur żommu - qas flokk mhu liebes!... Tħallihx joħroġ, Nikola. Mur żommu!

**80. BARRA. FIL-KURUTUR. BARRA L-KAMRA TAL-LOĠĠA - BINHAR.**

SAMWEL *ħiereġ imdagħdagħ mill-kamra tal-loġġa. Jieqaf u jdur lura għal waqt wieħed:*

**SAMWEL**

Tqisuni xejn aktar lili!

*Idur lura biex ikompli ħiereġ, ħarstu awtomatikament tmur lejn il-ħajt fejn is-soltu hemm imdendel is-senter.*

*Bilkemm jilħaq tiġih l-idea li ma jdurx biex jaħtaf senter...*

*Imma s-senter mhux hemm.*

SAMWEL *idur biex ikompli r-rankatura għal barra iżda quddiemu jfeġġ* EŻRA*:*

*SENTER f'idejh it-tnejn maħruġin 'il barra - is-senter li kien qed ifittex* SAMWEL.

*Mument ta' eżitazzjoni — maħkum mill-ġdid mir-rabja,* SAMWEL *jaħtaf is-senter, jimbotta u jwarrab lil* EŻRA *minnofs u jiġri lejn il-bieb ta' barra.*

*L-inkwatri tal-antenati tad-Depawli mdendlin ħdejn fejn kien hemm imwaħħal is-senter:*

*mat-TISBITA TAL-BIEB wieħed minnhom jiżżerzaq minn postu -*

*l-inkwatru tar-*RAĠEL *mixħut taħt it-taraġ bis-senter taħtu.*

*(et seq.)*

## INDIĊI TAX-XENI


**IL-BELLIEGĦA FIL-BIR** 13

*Silta. L-Ewwel Parti*

1. Barra. Il-ġiebja, il-kampanja - Binhar. 13
2. Barra. Il-ġiebja miftuħa - Binhar. 14
3. Barra. Il-lukanda abbandunata - Binhar. 14
4. Ġewwa. Il-lukanda abbandunata. 14
5. Barra. Fuq il-bejt tal-lukanda - Binhar. 15
6. Ġewwa. Ir-razzett - Tard filgħaxija. 16
7. Barra. Fuq it-turretta - Billejl. 17
8. Barra. Sqaq mudlam f'tarf ir-raħal - Filgħaxija. 18
9. Ġewwa. Ir-razzett. 18
10. Barra. Fuq it-turretta - Binhar. 28
11. Barra. Ir-razzett - Tard filgħodu. 29

**U L-ANĠLU ĦABBAR** 35

*Silta. L-Ewwel Parti* 39

1. Ġewwa. Ajruport. L-Arrivals Lounge - Filgħodu. 39
2. Barra. L-ajruport - Filgħodu. 39
3. Ġewwa. L-ajruport. L-Arrivals Lounge. 39
4. Barra. L-ajruport - Filgħodu. 39
5. Barra. It-triq barra l-Ajruport. Filgħodu. 40
6. Barra. Ir-raħal imżejjen għall-festa - Binhar. 40
7. Barra. Fil-karozza. 41
8. Barra.Triq fir-raħal - Binhar. 41
9. Barra. Il-villa ta' Karen u Aldo - Lejn nofsinhar. 42
10. Barra. Il-villa minn barra. 42
11. Barra. Il-villa - Binhar. 42
12. Ġewwa. Il-villa. Il-kamra tal-gallarija. 43
13. Barra. Il-villa - Waranofsinhar. 45
14. Ġewwa. Il-villa. 46

**GĦASFUR TAĊ-ĊOMB** 87

*Silta. It-Tieni Parti*

44. Barra. Fis-serra - Binhar. 91
45. Barra. Avjarju ta' għasafar eżotiċi - Binhar. 91
46. Barra. Fis-serra - Binhar. 91
47. Barra. Il-ġonna tad-Depawli - Binhar. 91
48. Barra. Rokna mwarrba tal-ġnien barra s-serer. Ħdejn għorfa. Binhar. 92
49. Barra. Id-dura f'għalqa mħarbta u mitluqa - Binhar. 93
49A. Barra. Serra ħdejn l-għorfa - Binhar. 93
49B. Barra. Id-dura - Binhar. Illum. 93
49Ċ. Barra. Id-dura - Binhar. (Sittinijiet) 93
50. Ġewwa. Id-dar tad-Depawli - It-turretta. 96
50A. Barra. Id-dar tad Depawli - Binhar. 96
50B. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 96
51. Ġewwa. Il-kmajra ta' Eżra - Billejl. 102
51A. Ġewwa. Il-garigor - Billejl. 103
51B. Barra. Fil-loġġa - Binhar. 103
52. Ġewwa. Id-dar tad-Depawli. Kurutur. 104
52A. Barra. Fil-loġġa - Binhar. 104
53. Barra. Il-kamra tas-sodda tan-Nanna - Billejl. 104
53A. Barra. Id-dar tad-Depawli. Kurutur - Billejl. 104
54. Barra. Il-kamra ta' Petra - Billejl. 105
55. Barra. Il kamra tas-sodda tan-Nanna - Billejl. 105
56. Barra. Il-kurutur, barra l-bieb tal-kamra ta' Petra - Billejl. 106
57. Barra. Fil-loġġa - Binhar. 106
58. Barra. Fuq it-terrazzin - Billejl. 107
59. Barra. Il-guva mġarrfa ħdejn il-loġġa - Billejl. 108
60. Barra. Fil-loġġa - Binhar. 110
61. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 110
62. Barra. Id-dar u l-ġonna tad-Depawli - Binhar. 117

63. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 118
64. Ġewwa. Il-kurutur bil-garigor fil-fond. 121
65. Barra. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 121
66. Barra. Il-ġonna tad-Depawli, ħdejn il-bir - Binhar. 122
67. Barra. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 122
68. Ġewwa. Il-kurutur f'tarf il-garigor. 123
69. Ġewwa. Il-garigor f'tarf il-kurutur. 124
70. Barra. Fil-ġnien - Binhar. 132
71. Barra. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 133
72. Barra. Is-serra mġarrfa - Binhar. 134
73. Barra. Il-ġonna tad-depawli - Binhar. 137
73A. Barra. Fil-ġnien ħdejn il-loġga - Binhar. 139
74. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 141
75. Barra. Il-ġnien, fil-loġġa - Binhar. 146
76. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa - Binhar. 152
77. Barra. Fil-ġnien. Ħdejn il-bir. Binhar. 155
78. Ġewwa. Kurutur - il-bieb tal-kamra ta' Petra. 156
79. Ġewwa. Il-kamra tal-loġġa. 156
80. Barra. Fil-kurutur. Barra l-kamra tal-loġġa – Binhar. 160

ORESTE CALLEJA

ISBN 978-99957-884-1-4

9 789995 788414 >

3 SILTIET